# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Tlettax (13) ta' Mejju 2025**

**Rikors Numru 422/2018FDP**

Fl-ismijiet

**Albert Vella (K.I: 200858M)**

**Vs**

**Michael Attard Limited (C 32362) u Michael Attard (K.I: 779959M) u Brian Baldacchino (K.I: 506875M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 4 ta' Mejju 2018 li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *ILLI bejn l-2006 u 2011 l-attur kien xtara ammont kbir ta' vetturi minn għand is-soċjeta' intimata Michael Attard Limited, u dan dejjem kien isir billi kien jiftihem b'mod dirett u personali mal-intimat Michael Attard.*

    2. *ILLI l-esponent kien jingħata numru ta' kambjali x'jiffirma, biex ikopru l-ammonti dovuti fuq il-vetturi, u b'kollox iffirma kambjali li magħdudin flimkien jammontaw għal € 324,886.88, u allura bl-interessi inklużi ġo fihom. Il-kambjali oriġinali baqgħu dejjem fil-pussess tal-intimati jew min minnhom.*

    3. *ILLI sal-2011 l-attur ħallas kontra kambjali l-ammont ta' €91,707.88 b'riċevuti formali li l-irċevuti oriġinali jinsabu fil-pussess tal-attur; ħallas €41,262.18 b'riċevuti formali li pero' l-attur għandu biss fotokopja tagħhom; ħallas €20,551.44 kontra liema ħlas l-intimat għaddielu l-kombjali rispettivi; u ħallas ammonti oħra akkont, li għalihom Michael Attard u/jew xi ħadd mill-impjegati tiegħu ħarġu biss riċevuti informali bl-idejn. Dawn ir-riċevuti bl-idejn jammontaw għal €36,890.00.*

4. *ILLI imbagħad is-socjeta' intimata intavolat kawża kontra l-attur (Rikors Ġuramentat 1140/11 JZM) għall-kambjali li kienu skadew u li ma kinux tħallsu formalment, u ċioe' għal €128,198,83 fejn ħafna mill-ħlasijiet akkont ma' tnaqqsux. Di piu' fiż-żmien tal-kawża l-esponent ta karozza lura lil Michael Attard Limited u għalhekk l-ammont mitlub f'dik il-kawża ġie ridott għal €124,068.88.*

5. *ILLI sussegwentement b'ittra uffiċjali numru 2579/13 tat-28 ta' Awwissu 2013, is-socjeta' intimata talbet il-ħlas dovut fuq il-kambjali li skond hi kien baqa' x'jitħallsu fl-ammont ta' € 107,880.51 u rendiet dan l-ammont bħala titolu eżekuttiv. Diversi ammonti imħallsa kif ingħad hawn fuq reġgħu ma tnaqqsux.*

6. *ILLI malli saret il-kawża 1140/11 JZM, il-kumpanija intimata ħarġet mandat ta' qbid fuq il-karozzi kollha li kien xtara l-attur, u fuq talba ta' Michael Attard personalment, f'Novembru 2011 l-attur kien irritoralu l-karozzi kollha li xtara. Il-karozzi tpoġġew fil-kustodja tal-persuna indikata minn Michael Attard stess, u ċioe l-konsenjatarju ċertu Brian Baldacchino ta' ABS Garage f'Ħal Qormi.*

7. *ILLI meta l-karozzi kienu hekk kollha maqbudin, l-attur kien sab il-bejgħ ta' uħud minnhom u meta talab lil Michael Attard biex iħallieh ibiegħ tali vetturi biex bir-rikavat jinqata' d-debitu favur is-soċjeta' intimata, Michael Attard irrifjuta.*

8. *ILLI bejn Novembru 2011 u meta nbiegħu dawn il-vetturi fl-2012 u 2013, filwaqt li dawn kienu suppost qed jinżammu fil-garage 85 Triq l-Imdina Qormi, tħallew barra għall-elementi b'dan li l-kundizzjoni tagħhom marret lura daqslikieku kienu qed jintużaw. Anzi fuq ħafna minn dawn il-karozzi anke inħarġu ċitazzjonijiet li ammontaw għal €8,493, liema ammonti l-intimati talbu li jittieħdu mingħand l-attur peress li uffiċjalment il-liċenzji juru li huwa kien il-propjetarju tagħhom.*

9. *ILLI s-soċjeta' intimata għamlet subbasti biex bihom biegħet mhux biss il-vetturi kollha li kien xtara l-attur u xtrathom hi stess bi prezz irriżorju, talli imbgħad anke qabdet id-dar personali tal-attur li kienet ġiet stmata €170,000 u tefgħathielu subbasta, u wkoll xtratha hi stess b' €105,000 meta immedjatament wara offrihielu jeħodha lura b '€ 170,000. Anzi qabel seħħ il-bejgħ bis-subbasta l-esponent sab bejgħ għad-dar bi prezz tas-suq iżda l-intimati jew min minnhom ma' awtorizzawhx ibiegħ l-istess dar bi prezz tajjeb, b'dannu għaliħ.*

10. *ILLI għalhekk l-attur ħallas flejjes indebitament, oltre li l-intimati jew min minnhom ikkawżawlu danni.*

11. *ILLI għaldaqstant kellha ssir din il-kawża.*

*Talbiet*

*Premess li l-konvenuti tħallsu indebitament u kkawżaw ħsarat hekk kif indikat hawn fuq, l-esponent umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-*

*(1) Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom arrikkew ruħhom indebitament a spejjeż tal-attur;*

*(2) Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom, bl-aġir tagħhom kkaġunaw danni lill-attur;*

*(3) Tillikwida l-ammont ta' ħlas indebitu magħmul mill-attur lill-intimati jew min minnhom;*

*(4) Tillikwida d-danni sofferti mill-attur bi ħtija tal-intimati jew min minnhom, jekk hemm bżonn, okkorrendo bin-nomina ta' esperti nominandi;*

*(5) Tordna lill-Intimati jew min minnhom iħallsu lill-attur l-ammonti likwidati fit-talbiet preċedenti, jekk ikun il-kaz b'mod in solidum bejniethom.*

*Bl-ispejjeż u bl-interessi skond il-liġi kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni*

2. Rat illi fil-25 ta' Mejju 2018 l-intimati Michael Attard Limited u Michael Attard laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiża:

   1. *Illi preliminarjament jiġi eċċepit illi Michael Attard proprio ġie iċċitat in ġudizzju b'mod vessatorju jekk mhux malizzjuż u dana stante li r-rikorrent Albert Vella huwa ben konsapevoli illi ma hemm ebda u qatt ma kien hemm relazzjoni ġuridika bejn ir-rikorrent u Michael Attard personalment. Kull negozju li sar minn Albert Vella hekk sar mal-kumpanija Michael Attard Limited li tagħha Michael Attard huwa direttur. Konsegwentement Michael Attard proprio għandu jiġi illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

   2. *Illi ukoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost u s-sussegwenti, jiġi eċċepit illi t-talbiet tar-rikorrent in kwantu imsejsa fuq l-allegazzjoni tal-arrikiment indebitu, dawn huma preskritti ai terminu tal-artikolu 1027 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dana kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża;*

   3. *Illi ukoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost u s-sussegwenti, jiġi eċċepit illi t-talbiet tar-rikorrent in kwantu imsejsa fuq allegazzjoni li ġew ikkawżati danni lir-rikorrent, dawn huma preskritti ai terminu tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dana kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża;*

   4. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost u s-sussegwenti, fil-mertu jiġi eċċepit illi t-talbiet rikorrenti in kwantu imsejsa fuq l-allegazzjoni tal-*

*arrikiment indebitu huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti kategorikament u dana stante li mhux talli ma jissussistix l-arrikiment indebitu iżda talli Albert Vella għadu debitur tal-kumpannija esponenti f'ammont sostanzjali ta' flus u dana kif ser jiġi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawża;*

5. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost u s-sussegwenti, għandu jiġi rilevat illi l-lanjanzi imqanqla mir-rikorrent imsejsa fuq l-arrikiment indebitu ġia ġew imressqa mir-rikorrent quddiem dina l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, għal aktar minn darba u ġew respinti u dana kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża. Bid-dovut rispett il-kawża odjerna ma hija xejn aktar minn abbuż tal-proċeduri ġudizzjarji li permezz tagħha qegħdin jerġgħu jiġu sollevati lanjanzi ġia deċiżi minn dina l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, bil-konsegwenza li bl-abbuż tar-rikorrent qed jiġu moħlija sigħat prezzjużi tal-Qrati u jiġu inkorsi spejjeż konsiderevoli li ma huma qatt ser jiġu rikuperati mingħand ir-rikorrent stante li jinsab f'pożizzjoni finanzjarja prekarja ħafna. Hija l-umili opinjoni tal-eċċipjenti li dana l-aġir għandu jiġi penalizzat. Illi inoltre f'dana l-kuntest qed jiġi eċċepit il-ġudikat u dana stante li l-mertu ta' dina l-vertenza in kwantu imsejsa fuq l-allegazzjoni tal-arrikiment indebitu ġia ġiet deċiża għal aktar minn darba minn dina l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta.*

6. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost u s-sussegwenti, ukoll jiġi eċċepit illi in kwantu l-azzjoni hija imsejsa fuq l-allegazzjoni tal-arrikiment indebitu, l-elementi rikjesti mil-Liġi ma jissussistux u għalhekk t-talbiet rikorrenti imsejsa fuq dina l-allegazzjoni għandhom jiġu respinti;*

7. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost u s-sussegwenti, t-talbiet rikorrenti in kwantu imsejsa fuq l-allegazzjoni li ġew ikkawżati danni lir-rikorrenti mill-esponenti dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jigu respinti kategorikament u dana stante li, fost konsiderazzjonijiet oħra, huma imsejsa fuq allegazzjonijiet inveritjeri u / jew pretensjonijiet tar-rikorrent li ma għandhom ebda bażi la fid-dritt u lanqas fil-fatt.*

8. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost u s-sussegwenti, ukoll għandu jiġi rilevat li diversi mill-allegazzjonijiet imqanqla mir-rikorrent li fuqhom huma imsejsa t-talbiet għar-riżarċiment ta' danni ġia ġew imressqa mir-rikorrent quddiem dina l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, u ġew respinti u dana kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża. Bid-dovut rispett il-kawża odjerna ma hija xejn aktar minn abbuż tal-proċeduri ġudizzjarji li permezz tagħha qegħdin jerġgħu jiġu sollevati lanjanzi ġia deċiżi minn dina l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, bil-konsegwenza li bl-abbuż tar-rikorrent qed jiġu moħlija sigħat prezzjużi tal-Qrati u jiġu inkorsi spejjeż konsiderevoli li ma huma qatt ser jiġu rikuperati mingħand ir-rikorrent stante li jinsab f'pożizzjoni finanzjarja prekarja ħafna. Hija l-umili opinjoni tal-eċċipjenti li dana l-aġir għandu jiġi penalizzat. Illi inoltre f'dana l-kuntest qed jiġi eċċepit il-ġudikat u dana stante li l-mertu ta' dina l-vertenza in kwantu imsejsa fuq*

*l-allegazzjonijiet li ġew ikkawżati danni ġia ġiet deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta.*

9. *Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in linea ġenerali t-talbiet rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti u dana kif ser jirriżulta waqt il-mori tal-kawża;*

10. *Salv u b'riserva għal kull eċċezzjoni, risposta u sottomissjoni ulterjuri permessa skond il-Liġi;*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti u b'riserva għal kull azzjoni spettanti lill-intimati kontra r-rikorrenti skond il-Liġi.*

3. Rat illi fit-28 ta' Mejju 2018 l-intimat Brian Baldacchino laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiż*a:*

1. *Illi preliminarjament jiġi eċċepit illi Brian Baldacchino qatt ma kellu xi relazzjoni ġuridika ma' Albert Vella għandu jiġi illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

2. *Illi wkoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost u s-sussegwenti, jiġi eċċepit illi t-talbiet tar-rikorrent in kwantu imsejsa fuq l-allegazzjoni tal-arrikiment indebitu, dawn huma preskritti ai terminu tal-artikolu 1027 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dana kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża;*

3. *Illi ukoll preliminarjament u mingħajr preġudizziu għas-suespost u s-sussegwenti, jiġi eċċepit illi t-talbiet tar-rikorrent in kwantu imsejsa fuq l-allegazzjoni li ġew ikkawżati danni lir-rikorrent, dawn huma preskritti ai terminu tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dana kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża;*

4. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost u s-sussegwenti, fil-mertu jiġi eċċepit illi t-talbiet rikorrenti in kwantu imsejsa fuq l-allegazzjoni tal-arrikiment indebitu huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti kategorikament u dana stante li mhux talli ma jissussistix l-arrikiment indebitu iżda talli qatt ma nġibdu kambjali minn Albert Vella għal favur ta' Brian Baldacchino, ma kien hemm ebda ammonti dovuti minn Albert Vella lil Brian Baldacchino u wisq anqas ġew imħallsa flus lil Brian Baldacchino minn Albert Vella;*

5. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost u s-sussegwenti, ukoll jiġi eċċepit illi in kwantu l-azzjoni hija imsejsa fuq l-allegazzjoni tal-arrikiment indebitu, l-elementi rikjesti mil-Liġi ma jissussistux u għalhekk t-talbiet rikorrenti imsejsa fuq dina l-allegazzjoni għandhom jiġu respinti;*

6. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost u s-sussegwenti, t-talbiet rikorrenti in kwantu imsejsa fuq l-allegazzjoni li ġew ikkawżati danni lir-rikorrenti mill-esponenti dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti kategorikament u dana stante li, fost*

*konsiderazzionijiet oħra, huma imsejsa fuq allegazzjonijiet inveritjeri u / jew pretensjonijiet tar-rikorrent li ma għandhom ebda bażi la fid-dritt u lanqas fil-fatt.*

7. *Illi, mingħajr pregudizzju għas-suespost u s-sussegwenti, ukoll għandu jiġi rilevat li diversi mill-allegazzjonijiet imqanqla mir-rikorrent li fuqhom huma imsejsa t-talbiet għar-riżarċiment ta' danni ġia ġew imressqa mir-rikorrent quddiem dina l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, u ġew respinti u dana kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża. Bid-dovut rispett il-kawża odjerna ma hija xejn aktar minn abbuż tal-proċeduri ġudizzjarji li permezz tagħha qegħdin jerġgħu jiġu sollevati lanjanzi ġia deċiżi minn dina l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, bil-konsegwenza li bl-abbuż tar-rikorrent qed jiġu moħlija siegħat prezzjużi tal-Qrati u jiġu inkorsi spejjeż konsiderevoli li ma huma qatt ser jiġu rikuperati mingħand ir-rikorrent stante li jinsab f'pożizzjoni finanzjarja prekarja ħafna. Hija l-umili opinjoni tal-eċċipjenti li dana l-aġir għandu jiġi penalizzat. Illi inoltre f'dana l-kuntest qed jiġi eċċepit il-ġudikat u dana stante li l-mertu ta' dina l-vertenza in kwantu imsejsa fuq l-allegazzjonijiet li ġew ikkawżati danni ġia ġiet deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta.*

8. *Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in linea ġenerali t-talbiet rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti u dana kif ser jirriżulta waqt il-mori tal-kawża;*

9. *Salv u b'riserva għal kull eċċezzjoni, risposta u sottomissjoni ulterjuri permessa skond il-Liġi;*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti u b'riserva għal kull azzjoni spettanti lill-intimati kontra r-rikorrenti skond il-Liġi.*

## Provi

4. Rat in-nota tal-attur ippreżentata fl-1 ta' Novembru 2018 fejn permezz tagħha huwa ppreżenta l-affidavit tiegħu stess flimkien ma' numru ta' dokumenti, ossia (fol 24-258):

- Kopji ta' riċevuti meħuda mill-oriġinali
- Kopji ta' riċevuti kif mgħoddija minn Michael Attard Ltd
- Kopji ta' kambjali ritornati
- Riċevuti magħmula bl-idejn
- Sentenza tal-Prim'Awla
- Skambju ta' emails
- Sentenza fuq rikors fl-atti tas-subbasta
- Azzjoni Kambjarja
- Liberazzjoni tad-dar bis-subbasta
- Email
- Stima ta' perit

5. Semgħet ix-xhieda tal-intimat **Michael Attard**, prodott mir-rikorrent u mogħtija fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2019 (fol 273-290).

6. Semgħet ix-xhieda tal-intimat **Michael Attard**, prodott mir-rikorrent u mogħtija fis-seduta tat-12 ta' Frar 2020 (fol 293-296).

7. Semgħet ix-xhieda ta' **Stefan Sacco** , prodott mir-rikorrent u mogħtija fis-seduta tat-12 ta' Frar 2020 u rat id-dokumentazzjoni eżebita minnu (fol 297-613).

8. Semgħet ix-xhieda tal-intimat **Brian Baldacchino** , prodott mir-rikorrent u mogħtija fis-seduta tat-12 ta' Frar 2020 (fol 614-617).

9. Rat illi l-attur fl-24 ta' Frar 2021 ippreżenta nota kontenenti rapport tal-awditur Joseph Gauci rigward irċevuti fil-pussess tal-attur b'numru ta' dokumenti annessi ma' tali rapport (fol 624-836). Rat illi l-Qorti permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Ġunju 2022 laqgħet it-talba magħmula mis-soċjeta' intimata u ordnat l-isfilz tar-rapport tal-awditur Joseph Gauci.

10. Semgħet ix-xhieda ta' **Stephen Cachia** in rappreżentanza tal-Awtorita' għat-Trasport, prodott mir-rikorrent u mogħtija fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2021 u rat id-dokumentazzjoni eżebita minnu (fol 844-865).

11. Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2021 ir-rikorrent iddikjara li m'għandux aktar provi x'jippreżenta.

12. Semgħet ix-xhieda tal-attur **Albert Vella**, prodott mill-intimati u mogħtija fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2022 (fol 880-890).

13. Semgħet ix-xhieda tal-Assistent Reġistratur **Charmaine Bugeja** in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qorti mogħtija fis-seduta tas-7 ta' Frar 2023 u rat id-dokumentazzjoni eżebita minnha (fol 894-906).

14. Semgħet ix-xhieda tal-attur **Albert Vella** prodott mill-intimati u mogħtija fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2023 (fol 913-926).

15. Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Ġunju 2024, l-intimati ddikjaraw illi għajr għad-dokumentazzjoni tal-atti ġudizzjarji, ma fadlilhomx aktar provi x'jippreżentaw.

16. Rat in-nota tal-intimati ppreżentata fis-17 ta' Lulju 2024 fejn ġie rilevat liema atti u proċessi ġudizzjarji għandhom jiġu allegati mal-kawża odjerna.

17. Rat illi permezz ta' digriet data 9 ta' Diċembru 2024 il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-kawża 272/2012AE deċiża fit-30 ta' Mejju 2013 u tal-mandat ta' inibizzjoni 54/2010JRM deċiż fid-29 ta' Marzu 2010. In oltre, l-Qorti stiednet lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili sabiex b'nota jippreżentaw l-atti ġudizzjarji imsemmija fid-dokumenti CB1 sa CB3 li ġew eżebiti mill-Assistent Reġistratur Charmaine Bugeja fix-xhieda tagħha mogħtija fis-7 ta' Frar 2023.

18. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-intimati mogħtija minnu fid-9 ta' Diċembru 2024 (fol 944-947).

19. Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Diċembru 2024 il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

20. Rat illi sa llum ma daħlet ebda sottomissjoni bil-miktub da' parte tar-rikorrent.

**Fatti tal-Każ**

21. Jirriżulta illi l-attur bejn is-sena 2006 u s-sena 2011 kien xtara numru ta' vetturi mingħand is-soċjeta' intimata Michael Attard Limited.

22. Jirriżulta illi għax-xiri ta' dawn il-vetturi huwa kien iffirma numru ta' kambjali sabiex b'hekk ikopru l-ammont dovut fuq il-vetturi mixtrija.

23. Jirriżulta illi skont l-istess attur b'kollox huwa kien iffirma kambjali li magħdudin flimkien jammontaw għas-somma ta' tlett mija u erbgħa u għoxrin elf, tmien mija u sitta u tmenin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmi (€ 324,886.88) bl-interessi inklużi ġo fihom. L-istess attur isostni wkoll illi l-kambjali oriġinali baqgħu dejjem fil-pussess tal-intimati.

24. Jirriżulta illi l-attur jargumenta illi sal-2011 huwa kien ħallas kontra kambjali l-ammont ta' wieħed u disgħin elf sebgħa mija u sebgħa Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (Ewro 91,707.88) b'riċevuti formali fejn l-oriġinali jinsabu fil-pussess tal-attur, ħallas l-ammont ta' wieħed u erbgħin elf mitejn u tnejn u sittin Ewro u tmintax-il ċenteżmu (Ewro 41,262.18) b'riċevuti formali li l-attur għandu biss fotokopji tagħhom, ħallas l-ammont ta' għoxrin elf, ħames mija u wieħed u ħamsin Ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (Ewro 20,551.44) kontra liema ħlas l-intimat għaddielu l-kambjali rispettivi u ħallas ukoll ammont akkont li għalihom kienet inħarġet biss riċevuti informali bl-idejn, liema ammont huwa dak ta' sitta u tletin elf tmien mija u disgħin Ewro (Ewro 36,890.00).

25. Jirriżulta illi s-soċjeta' intimata kienet intavolat proċeduri bin-numru 1140/2011JZM għall-ħlas ta' kambjali li kienu skaduti, aċċettati u ffirmati mill-attur fl-ammont ta' mija tmienja u għoxrin elf, mija u tmienja u disgħin Euro u tlieta u tmenin ċenteżmi (€128,198.83). Illi din il-kawża kienet ġiet deċiża fl-10 ta' Jannar 2012, fejn din il-Qorti kif diversament presjeduta kienet ikkundannat lill-attur sabiex iħallas is-somma ridotta ta` mija u erbgħa u għoxrin elf tmienja u sittin Euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€124,068.88) rappreżentanti l-import ta` tliet mija u tlettax (13)-il kambjala, kollha skaduti, aċċettati u ffirmati mill-attur Albert Vella (li f'dawk il-proċeduri kien il-konvenut).

26. Jirriżulta illi sussegwentament is-soċjeta' intimata kienet intavolat proċedura oħra fil-konfront tal-attur u dan permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru ta' referenza 2579/2013 ippreżentata fit-28 ta' Awwissu 2013 ossia, azzjoni kambjarja fejn is-soċjeta' intimata kienet talbet lill-attur iħallas il-kambjali li huwa kien baqagħlu jħallas u dan fl-ammont ta' mija u sebat'elef, tmien mija u tmenin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (Ewro 107,880.51), liema ittra uffiċjali kienet ġiet reża eżekuttiva.

27. Jirriżulta illi l-attur qiegħed isostni illi diversi ammonti li kienu ġew imħallsa ma kinux ġew imnaqqsa.

28. Jirriżulta wkoll illi meta s-soċjeta' intimata kienet intavolat il-proċeduri 1140/2011JZM, kontestwalment kienet ukoll intavolat mandat ta' qbid kawtelatorju kif ukoll mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

29. Jirriżulta li s-soċjeta' intimata kienet intavolat mandati oħrajn fil-konfront tal-attur Albert Vella.

30. Jirriżulta illi kontra l-istess rikorrent kienu ġew intavolati mandati ta' qbid fejn ġew maqbuda u elevati numru ta' vetturi li kienu rreġistrati fuq isem l-attur u jirriżulta wkoll illi l-kunsinnatarju indikat kien l-intimat Brian Baldacchino ta' ABS Garage, f'Ħal Qormi.

31. Jirriżulta illi l-attur jargumenta illi meta l-vetturi kienu maqbudin huwa kien sab il-bejgħ ta' uħud minnhom u meta talab lill-intimat Michael Attard sabiex iħallieh ibiegħ tali vetturi, sabiex bir-rikavat jinqata' d-debitu favur is-soċjeta' intimata, l-intimat Attard kif irrifjuta.

32. Jirriżulta illi l-istess attur jsostni illi bejn Novembru tas-sena 2011 u meta nbiegħu l-vetturi fis-sena 2012 u 2013, dawn tħallew barra minflok inżammu fil-garaxx numru 85, Triq l-Imdina, Ħal Qormi u li b'hekk il-kundizzjoni tagħhom marret lura. Magħdud ma' dan inħarġu numru ta' ċitazzjonijiet li jammontaw għal tmint'elef, erbgħa mija u tlieta u disgħin Ewro (Ewro 8,493), liema ammonti l-attur ġie mitlub mill-intimati li jittieħdu mingħandu peress li l-liċenzji kienu fuq isem l-istess rikorrent.

33. Jirriżulta illi l-attur permezz tal-kawża odjerna jgħid illi meta saru s-subbasti sabiex jinbiegħu l-vetturi li kien xtara hu, dawn il-vetturi kienu nxtraw mis-soċjeta' intimata bi prezz irriżorju. In oltre, barra s-subbasta tal-vetturi, saret ukoll is-subbasta tad-dar tal-attur li kienet ġiet stmata għall-prezz ta' mija u sebgħin elf Ewro (Ewro 170,000), liema dar kienet ġiet ukoll mixtrija mis-soċjeta' intimata versu l-prezz ta' mija u ħames t'elef Ewro (Ewro 105,000).

34. Jirriżulta wkoll illi għal dak li għandu x'jaqsam mas-subbasta tad-dar l-attur jargumenta illi huwa kien sab bejgħ għad-dar bi prezz tas-suq iżda l-intimati jew min minnhom ma kinux awtorizzaw illi isir il-bejgħ tad-dar b'dan il-prezz.

35. Jirriżulta illi permezz tal-kawża in deżamina, r-rikorrent qiegħed jallega illi huwa ħallas flejjes indebitament u li l-intimati jew min minnhom ikkawżawlu danni.

**Ikkunsidrat;**

36. Jirriżulta mill-premessi u mill-provi prodotti illi r-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-intimati jew min minnhom arrikew ruħhom indebitament a spejjeż tal-attur; tiddikjara li l-intimati jew min minnhom bl-aġir tagħhom kkaġonaw danni lill-attur; tillikwida d-danni sofferti mill-attur bi ħtija tal-intimati jew min minnhom jekk hemm bżonn okkorendo bin-nomina ta' esperti nominandi u tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lill-attur l-ammonti likwidati fit-talbiet preċedenti jekk ikun il-każ in solidum bejniethom.

37. Jirriżulta illi l-konvenuti Michael Attard u Michel Attard Limited eċċepew illi Michael Attard proprio ġie ċċitat in ġudizzju b' mod vessatorju jekk mhux malizzjuż u dana stante li r-rikorrenti huwa ben konsapevoli li ma hemm ebda u qatt ma kien hemm relazzjoni ġuridika bejn ir-rikorrent u Michael Attard personalment u kull negozju sar minn Albert Vella mal-kumpanija Michael Attard Limited li tagħha Michael Attard

huwa d-direttur għalhekk Michael Attar għandu jiġi illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju; illi t-talbiet tar-rikorrenti in kwantu imsejsa fuq l-allegazzjoni tal-arrikiment indebitu huma preskritti ai terminu tal-Artikolu 1027 tal-Kap 16; illi t-talbiet tar-rikorrenti in kwantu msejsa fuq l-allegazzjoni li ġew ikkawżati danni lir-rikorrenti huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16; illi fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti in kwantu imsejsa fuq l-allegazzjoni tal-arrikiment indebitu huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti kategorikament u dana stante li mhux talli ma jissussistix l-arrikiment indebitu iżda talli Albert Vella għadu debitur tal-kumpanija esponenti f'ammont sostanzjali ta' flus; għandu jiġi rilevat illi l-lanjanzi imqanqla mir-rikorrent imsejsa fuq l-arrikiment indebitu ġie ġew imressqa mir-rikorrent quddiem dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta għal aktar minn darba u ġew respinti u in oltre f'dan il-kuntest qed jiġi eċċepit il-ġudikat u dana stante li l-mertu ta' dina l-vertenza in kwantu msejsa fuq l-allegazzjoni tal-arrikiment indebitu ġia ġiet deċiża għal aktar minn darba minn dina l-Qorti diversament presjeduta; illi t-talbiet rikorrenti in kwantu imsejsa fuq l-allegazzjoni li ġew ikkawżati danni lir-rikorrenti mill-esponenti dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti kategorikament u dana stante li huma msejsa fuq allegazzjonijiet inveritjeri u jew pretensjonijiet tar-rikorrenti li ma għandhom ebda bażi la fid-dritt u anqas fil-fatt; illi diversi allegazzjonijiet imqanqla mir-rikorrenti li fuqhom huma imsejsa t-talbiet għar-riżarċiment ta' danni ġia ġew imressqa mir-rikorrent quddiem din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta u ġew respinti stante li l-mertu ta' dina l-vertenza in kwantu msejsa fuq l-allegazzjonijiet li ġew ikkawżati danni ġia ġiet deċiża minn dina l-Qorti diversament presjeduta; illi in linea ġenerali t-talbiet tar-rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġi respinti.

38. Jirriżulta illi l-konvenut Brian Baldacchino eċċepixxa li huwa qatt ma kellu xi relazzjoni ġuridika ma' Albert Vella u għandu jiġi illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju; illi t-talbiet tar-rikorrenti in kwantu imsejsa fuq l-allegazzjoni tal-arrikiment indebitu huma preskritti ai terminu tal-Artikolu 1027 tal-Kap 16; illi t-talbiet tar-rikorrenti in kwantu msejsa fuq l-allegazzjoni li ġew ikkawżati danni lir-rikorrenti huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16; illi fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti in kwantu imsejsa fuq l-allegazzjoni tal-arrikiment indebitu huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti kategorikament u dana stante li mhux talli ma jissussistix l-arrikiment indebitu iżda talli qatt ma nġibdu kambjali minn Albert Vella għal favur ta' Brian Baldacchino ma kien hemm ebda ammonti dovuti minn Albert Vella lil Brian Baldacchino u wisq anqas ġew imħallsa flus lil Brian Baldacchino minn Albert Vella; in kwantu l-azzjoni hija msejsa fuq l-allegazzjoni tal-arrikiment indebitu l-elementi rikjesti mil-liġi ma jississistux u għalhekk it-talbiet rikorrenti msejsa fuq dina l-allegazzjoni għandhom jiġu respinti; illi t-talbiet rikorrenti in kwantu msejsa fuq l-allegazzjoni li ġew ikkawżati danni lir-rikorrenti mill-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġi respinti kategorikament u dana stante li fost konsiderazzjonijiet oħra huma msejsa fuq allegazzjonijiet inveritjeri u/jew pretensjonijiet tar-rikorrent li ma għandhom ebda bażi la fid-dritt u anqas fil-fatt; illi diversi allegazzjonijet imqanqla mir-rikorrenti li fuqhom huma imsejsa t-talbiet għar-riżarċiment ta' danni ġia ġew imressqa mir-rikorrent quddiem din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta u ġew respinti illi f'dan il-kuntest jiġi eċċepiet il-ġudikat u dan stante li l-mertu ta' dina l-vertenza in kwantu msejsa fuq l-allegazzjonijiet li ġew ikkawżati danni ġia ġiet deċiża minn dina l-Qorti diversament presjeduta; illi in linea ġenerali t-talbiet tar-rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti.

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti Michael Attard u Michael Attard Limited - L-eċċezzjoni tal-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju**

39. Illi l-ewwel eċċezzjoni illi ġiet sollevata fir-risposta ġuramentata ta' Michael Attard u Michael Attard Limited hija dik relattiva għal fatt illi qatt ma kien hemm relazzjoni ġuridika bejn l-intimat Michael Attard, ossia, f'ismu proprju u bejn l-attur Albert Vella. Għaldaqstant, ġie eċċepiet illi l-intimat Michael Attard għandu jiġi illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

40. Din il-Qorti tosserva illi mill-provi prodotti jidher illi l-vetturi mixtrija mill-attur Albert Vella kienu mixtrija mingħand is-soċjeta' intimata Michael Attard Limited u li l-kambjali ffirmati kienu kollha maħruġa mill-istess soċjeta'. Dan jidher ċar mill-kambjali ppreżentati kif ukoll mill-irċevuti ppreżentati fil-kawża in deżamina fejn huwa evidenti li fihom l-intestatura tas-soċjeta' konvenuta. In oltre, kif jidher b'mod evidenti mid-dokumenti ppreżentati mix-xhud Stefan Sacco bħal *statement of accounts, transaction history* kif ukoll il-*hire purchase payment schedules* dawn kollu jidhru bl-isem ta' Michael Attard Limited.

41. Jiġi wkoll innotat illi għalkemm fl-affidavit tiegħu l-attur jgħid illi:

> *"Għalhekk xi ħadd laqqagħni ma' Michael Attard, li jmexxi l-kumpanija Michael Attard Limited, u għidtlu li jien ma ridtx nixtri karozzi fuq ismi biex nikrihom, għax kont għaddej minn separazzjoni u marti ma kinitx ser taċċetta li nibda dan in-negozju. Jien u Michael ftehemna mingħajr kitba xejn li jiena insiblu klijenti li jkunu lesti jikru karozza Peugeot second hand minn għandu għal ħames snin b'rata partikolari fix-xahar skond kif niftehmu, u l-kirja naqsmuha. Kull meta kont insib klient li ried jikri kont immur għand Michael Attard direttament u personalment u dan jagħtini karozza second hand (użata għal aktar minn 5 snin) li tiġi fuq ismi, u jiena niffirma kambjali favur Michael Attard Limited għal ammont fix-xahar li jkun xi ftit inqas minn nofs il-kirja li nkun offrejtha jien."*
>
> (fol 25)

Jidher biċ-ċar illi n-negozju li sar mill-attur kien dak ta' xiri ta' karozzi, kif filfatt jgħid huwa stess fl-ewwel premessa tiegħu: *"Illi bejn l-2006 u 2011 l-attur kien xtara ammont kbir ta' vetturi minn għand is-soċjeta' intimata Michael Attard Limited, u dan dejjem kien isir billi kien jiftihem b'mod dirett u personali mal-intimat Michael Attard"* u dan ix-xiri kien isir mingħand is-soċjeta' konvenuta. Illi allavolja l-attur seta' nnegozja jew ftiehem mal-intimat Michael Attard dan ma jfissirx illi kien qed isir mill-konvenut Michael Attard fil-vesti personali tiegħu iżda *qua* direttur u l-persuna li jiġġestixxi n-negozju tas-soċjeta' intimata. Illi kif inhu ben risaput, is-soċjeta' intimata Michael Attard Limited għandha personalita' ġuridika distinta u għaldaqstant ir-relazzjoni ġuridika li nbniet kienet bejnha u bejn l-istess attur.

42. Illi infatti fix-xhieda tiegħu l-konvenut Michael Attard mogħtija fl-20 ta' Novembru 2019 jsostni illi:

> *"Dr Leslie Cuschieri :*
> *Ok. Emm ... iġifieri skont inti, l-ħlasijiet li kien iħallsek, x'kienu jirriflettu?*

*Ix-Xhud :*
*Biex iħallas il-karozzi.*

*Dr Leslie Cuschieri :*
*Bħala?*

*Ix-Xhud :*
*Il-karozzi li xtara mingħandna.*

*Dr Leslie Cuschieri :*
*Bħala xiri."*

(fol 274)

43. Magħdud ma' dan, jiġi rilevat ukoll illi l-proċeduri ġudizzjarji li ġew intavolati kontra l-attur Albert Vella kienu ġew ippreżentati mis-soċjeta' intimata.

44. Dan kollu juri biċ-ċar illi r-relazzjoni ġuridika kienet bejn is-soċjeta' konvenuta u l-attur u mhux bejn Michael Attard fil-vesti personali tiegħu. Illi kull involviment illi l-konvenut Michael Attard kellu kien in rappreżentanza tas-soċjeta' konvenuta li tagħha huwa wieħed mid-diretturi.

45. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-konvenuti Michael Attard u Michael Attard Limited għandha tiġi milqugħa u b'hekk l-konvenut Michael Attard qiegħed jiġi illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Brian Baldacchino - L-eċċezzjoni tal-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju**

46. Illi l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-konvenut Brian Baldacchino hija dik relattiva għal-liberazzjoni tiegħu mill-osservanza tal-ġudizzju. Illi permezz ta' din l-eċċezzjoni l-konvenut Baldacchino jgħid illi qatt ma kellu relazzjoni ġuridika mal-attur u fid-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu jispjega illi huwa qatt ma biegħ vetturi lill-attur, l-attur qatt ma kien kreditur tiegħu u qatt ma nġibdu ebda kambjali mill-attur a favur il-konvenut Brian Baldacchino.

47. Din il-Qorti tosserva illi l-konvenut Brian Baldacchino kien ġie maħtur bħala kunsinnatarju u dan in segwitu għal mandati ta' qbid li saru mis-soċjeta' konvenuta kontra l-attur fuq il-vetturi rreġistrati fuq isem l-istess attur.

48. Illi huwa minnu li l-konvenut Baldacchino ma għandu ebda involviment għal dak li għandu x'jaqsam max-xiri tal-vetturi mingħand l-attur u għall-kambjali relattivi għal tali xiri iżda l-Qorti tinnota wkoll illi mill-qari tar-rikors ġuramentat tal-attur senjatament fit-talbiet imressqa minnu, l-attur qiegħed jagħmel kawża kemm ta' arrikiment indebitu kif ukoll kawża ta' danni.

49. Illi għal dak li għandu x'jaqsam mat-talba relattiva għall-arrikiment indebitu, din il-Qorti ma tara li hemm ebda relazzjoni ġuridika bejn l-attur u l-konvenut Baldacchino. Madanakollu, la darba l-attur qiegħed jilmenta wkoll illi sofra danni u la darba fit-tmien

premessa tiegħu huwa jsostni illi l-kundizzjoni tal-vetturi li kienu qed jinżammu mill-konvenut Brian Baldacchino bħala kunsinnatarju marret lura daqslikieku qegħdin jiġu użati, kif ukoll jilmenta li nħarġu diversi ċitazzjonijiet, allura l-konvenut Brian Baldacchino ma jistax jiġi illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

50. Għaldaqstant, l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Baldacchino ser tiġi miċħuda.

**It-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati Michael Attard Limited, Michael Attard u Brian Baldacchino - L-eċċezzjoni tal-Preskrizzjoni**

51. Illi fir-risposti ġuramentati rispettivi tagħhom l-intimati jeċċepixxu illi t-talbiet tar-rikorrent in kwantu imsejsa fuq l-allegazzjoni tal-arrikiment indebitu huma preskritti ai terminu tal-Artikolu 1027 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

52. Illi din il-Qorti sejra l-ewwel u qabel kollox tirriproduċi t-test tal-Artikolu tal-Liġi supraċitat.

53. Illi l-Artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi kif ġej:

> *"L-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun ingħata mingħajr ma kien imiss, meta ma tkunx waqgħet bil-preskrizzjoni bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet miġjuba taħt it-titolu dwar il-preskrizzjoni,taqa' bil-preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-iżball."*

54. Mill-qari tal-artikolu supraċitat jidher illi l-intimati qegħdin isostnu illi l-azzjoni tal-attur in kwantu għandha x'taqsam mal-arrikiment indebitu japplika għaliha l-perjodu preskrittiv ta' sentejn.

55. Fl-ottika ta' din l-eċċezzjoni dwar il-perjodu preskrittiv f'azzjoni ta' arrikiment indebitu, din il-Qorti sejra tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Maltacom Plc vs Vestimoda Company Limited***[1] fejn il-Qorti tenniet illi:

> *"Illi, kif ingħad qabel, din l-azzjoni m'hijiex sempliċement waħda għall-ħlas ta' servizz mogħti, imma waħda ta' arrikkiment mhux mistħoqq. F'dan ir-rigward, il-bixra ġenerali tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji u l-ħsieb tal-kittieba hija fis-sens li ż-żmien preskrittiv huwa sewwasew dak tal-ħames snin maħsub fl-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili u mhux dak tas-sentejn".*

Illi f'din l-istess sentenza, l-Qorti tagħmel referenza għall-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Mejju 1986 fl-ismijiet ***Anthony Borg vs Peter A. Morrisey***.

56. Dan l-istess ħsieb, ossia li l-preskrizzjoni hija dik kwinkwennali nsibuh ukoll f'numru ta' sentenzi oħra bħal dik fl-ismijiet ***Brian Azzopardi vs Paul Vassallo et***[2] kif ukoll dik fl-ismijiet ***Emilio Agius vs Joseph Spiteri***[3].

[1] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Mejju 2007- Kawża numru: 2626/1998/1
[2] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Ottubru 2011- Kawża numru: 167/2009
[3] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 2005- Kawża numru: 2632/2001/1

57. In oltre, b'referenza għas-sentenza deċiża fl-ismijiet ***Emmanuel Balzan vs Francelle Agius***[4], li bħal kawża odjerna, l-azzjoni mitluba mill-attur kienet dik ta' arrikiment indebitu, fis-sentenza tagħha l-Qorti provdiet kif ġej:

*"Illi kif ġie indikat mill-konvenuta fl-eċċezzjoni ulterjuri tagħha, il-preskrizzjoni applikabbli fir-rigward ta' din l-azzjoni hija dik kwinkwennali u dan kif sew ġie spjegat fis-sentenza minnha ċċitata fl-ismijiet Tasika Auto Limited vs. Jason Mizzi. Sentenzi aktar riċenti jagħmlu riferiment għal din is-sentenza, fosthom Anthony Pace et vs. Maria Pace u Mary Balzan vs. David Jaccarini. F'din l-aħħar sentenza jingħad:*

*"(i) L-ewwel, tieni, ħames u sitt talba huma preskritti skont l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.*

*Għall-azzjoni de in rem verso m'hemmx provvediment ad hoc li jistabilixxi terminu preskrittiv. Il-preskrizzjoni applikabbli hi dik ta' ħames snin kontemplata fl-imsemmi provvediment (ara sentenza ta' din il-qorti fil-kawża Tasika Auto Limited vs. Jason Mizzi tas-17 ta' April, 2012) ....."*

*Illi peress li dan it-terminu hu wieħed ta' preskrizzjoni u mhux ta' dekadenza, dan jista' jiġi interrot b'kull att ġudizzjarju. Is-sentenza ċċitata fl-ismijiet Balzan vs. Jaccarini tispeċifika wkoll minn meta l-ħames snin għandhom jibdew jiddekorru:*

*"Il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata (Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili). Fil-fehma tal-qorti dan ma kienx meta l-konvenut ġie żgumbrat mill-fond. Il-konvenut qiegħed isostni li l-arrikkiment indebitu jikkonsisti fl-ispejjeż li ntefqu sabiex saru x-xogħlijiet, tant li qiegħed jitlob il-ħlas tal-ispejjeż kollha li jgħid li saru fil-fond.Mela bil-mod kif ippropona t-talba qiegħed jieħu posizzjoni fis-sens li l-arrikkiment seħħ meta sar ix-xogħol, tant li qiegħed jitlob il-ħlas tal-ispejjeż kollha li jallega li saru".*

…

*Ikkunsidrat li l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata (l-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili). Skont din id-dispożizzjoni tal-liġi ċ-ċirkostanzi partikolari ta' persuna li kontra tagħha jkun għaddej iż-żmien preskrittiv ta' azzjoni li tista' tieħu ma humiex ta' xkiel biex dak iż-żmien jibda jimxi. Dan ifisser li ż-żmien tal-preskrizzjoni ta' azzjoni, ladarba huwa wieħed estintiv tal-istess azzjoni, jibda għaddej minn dakinhar li jitnissel il-jedd, jew l-għemil maħsub li jwaqqaf dak il-jedd. (Baudry - Lacantinerie & Tissier Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile (3a Ediz.), "Della Prescrizione" 364 paġ. 279)."*

58. Għaldaqstant u b'referenza għall-ġurisprudenza hawn fuq ċitata, din il-Qorti tosserva illi l-intimati huma żbaljati fl-argumentazzjoni tagħhom illi fil-każ ta' arrikiment indebitu japplika l-Artikolu 1027 u li b'hekk il-perjodu preskrittiv huwa dak ta' sentejn.

[4] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Jannar 2018 - Kawża numru: 76/2015

Dan għaliex l-perjodu preskrittiv applikabbli huwa dak ta' ħames snin ai termini tal-Artikolu 2156(f), liema artikolu jipprovdi kif ġej:

> *"azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku".*

59. In oltre, kif diġa' aċċennat fil-ġurisprudenza surreferita, dan il-perjodu preskrittiv jibda jiddekorri minn dakinhar illi l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata u dan kif jipprovdi l-Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili. Illi din il-Qorti tqis illi mill-qari tar-rikors promutur jidher illi l-arrikiment indebitu allegat mill-attur għandu x'jaqsam u huwa relatat maż-żewġ titoli eżekuttivi ottenuti mis-soċjeta' intimata fil-konfront tiegħu, u ċioe' s-sentenza mogħtija minn din l-Qorti kif diversament presjeduta fl-10 ta' Jannar 2012 (kawża numru 1140/2011JZM) u l-ittra uffiċjali bin-numru ta' referenza 2579/2013 ippreżentata fit-28 ta' Awwissu 2013 fejn permezz tagħha s-soċjeta' konvenuta għamlet azzjoni kambjarja u liema ittra uffiċjali kienet ġiet reża eżekuttiva fil-konfront tal-attur Albert Vella. Illi infatti r-rikorrent jilmenta illi diversi ammonti mħallsa minnu ma kinux tnaqqsu mis-soċjeta' intimata.

60. Illi sabiex il-Qorti tindirizza din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u d-dekorriment taż-żmien ta' preskrizzjoni, din il-Qorti tqis illi ż-żmien preskrittiv għandu jibda jiddekorri mid-dati tat-titoli preskrittivi in deżamina. Illi kif diġà aċċennat u kif jidher a fol 233-236 tal-proċess, is-soċjeta' intimata kienet intavolat kawża kontra r-rikorrent bin-numru ta' referenza 1140/2011JZM fejn l-attur (f'dik il-kawża kien il-konvenut) kien ġie ordnat iħallas is-somma ta' mija u erbgħa u għoxrin elf, tmienja u sittin Euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€124,068.88) rappreżentanti l-import ta` tliet mija u tlettax (313)-il kambjala, kollha skaduti, aċċettati u ffirmati minnu. Illi din is-sentenza kienet ġiet mogħtija fl-10 ta' Jannar 2012.

61. Magħdud ma' dan, l-istess soċjeta' konvenuta kienet ukoll ipproċediet fil-konfront tal-attur permezz ta' ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 253 (e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għall-ħlas ta' mija u sebat'elef, tmien mija u tmenin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (Ewro 107,880.51) kif jidher a fol 249-251 tal-proċess. Illi kif jidher mill-ittra uffiċjali eżebita in atti ma hemmx ir-riferta relattiva, jidher ċar illi din l-ittra uffiċjali kienet ġiet ippreżentata fit-28 ta' Awwissu 2013. B'hekk naturalment, in-notifika tagħha lill-attur seħħet wara din id-data.

62. Għaldaqstant, la darba ġiet stabbilit illi l-perjodu preskrittiv applikabbli għall-kawżi ta' arrikiment indebitu huwa dak ta' ħames snin u la darba l-proċeduri odjerni ġew intavolati fl-4 ta' Mejju 2018 u s-sentenza lamentata minnha kienet ġiet mogħtija fl-10 ta' Jannar 2012 iżda l-ittra uffiċjali li fuqha wkoll l-attur qed jibbaża l-ilment tiegħu, ġiet ippreżentata fit-28 ta' Awwissu 2013, allura t-talba tar-rikorrent in kwantu imsejsa fuq l-arrikiment indebitu ma tistax titqies bħala preskritta.

63. Għalhekk, it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-intimati għandha tiġi miċħuda.

**It-tielet eċċezzjoni preliminari tal-intimati Michael Attard Limited, Michael Attard u Brian Baldacchino - L-eċċezzjoni tal-Preskrizzjoni**

64. Illi fit-tielet eċċezzjoni tagħhom l-intimati jeċċepixxu illi t-talbiet rikorrenti in kwantu huma bbażati fuq l-allegazzjoni li ġew ikkawżati danni huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

65. Illi l-Qorti ser tibda tanalizza din l-eċċċezzjoni billi l-ewwel u qabel kollox tagħmel referenza għall-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili illi jipprovdi kif ġej:

*"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn".*

66. Referenza ser issir ukoll għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Dimbros Ltd vs Korporazzjoni Għas-Servizzi ta' l-Ilma***[5] fejn il-Qorti għamlet analiżi intensiva dwar il-preskrizzjoni relattiva għal talba għal danni. Illi fis-sentenza tagħha, l-Qorti tipprovdi illi:

*"Fil-każ Mario Pace vs Corinthia Palace Hotel Company Limited et deċiż fit-13 ta' Ġunju 2013 il-Qorti elenkat is-segwenti prinċipji ġurisprudenzjali rigwardanti dan l-artikolu tal-liġi –*

*"Is-soċjetajiet konvenuti qed jeċċepixxu li l-azzjoni attriċi hi preskritta bi skadenza ta' sentejn skont l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jippreskrivi b'terminu ta' sentejn l-azzjonijiet kollha għad-danni li jirriżultaw minn delitt jew kważi-delitt. L-attur da parti tiegħu jsostni li l-artikolu invokat mhux applikabbli peress li l-azzjoni tagħha hi waħda kuntrattwali……*

*[…..]*

*Hu ribadit fil-ġurisprudenza tagħna li għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri: (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għemil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat (regolat bl-art.2154(1) tal-Kap.16); (b) azzjoni għall-ħsarat imnisslin minn delitt jew kważi-delitt ('l hekk imsejħa culpa aquiliana), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn - prinċipju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili; u (c) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin;*

*Hu għalhekk paċifiku li illi l-preskrizzjoni bjennali prevvista mill-Artikolu 2153, tal-Kodiċi Ċivili tikkolpixxi "l' azione per risarcimento del danno derivante dal fatto illecito, e non quello del risaricimento del danno contrattuale, soggetta quest' ultima azione alla prescrizione confacente al determinato contratto" (Kollez. Vol. XXVIII P I p 726).*

*Illi, għalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, minbarra li ma tapplikax għall-ħsara maħluqa minn għemil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata ħsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali (Ara per eż. "Calafato vs Muscat", deċiża fil-5 ta' Frar, 1895 (Vol. XV.44); "Naudi vs Zammit", deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-*

[5] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Frar 2020-Kawża numru: 201/2016

*Appell fid-9 ta' Marzu, 1925 (Vol. XXVI.I.54), "Calleja vs Xuereb", deċiża minn din il-Qorti fl-10 ta' Mejju, 1982). Fil-kawża "Borda vs Arrigo Group of Hotels et", deċiża minn din il-Qorti fil-15 ta' Jannar, 1999, ġie konfermat li l-preskrizzjoni applikabbli tkun ta' ħames snin jekk id-danni huma riżultat ta' inadempjenza ta' obbligazzjoni.*

*Il-kwistjoni in eżami hija jekk il-kolpa fil-każ prezenti kinetx kontrattwali jew extra - kontrattwali / aquiliana naxxenti mid-delitt jew kważi delitt.*

*L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża "Joseph Busuttil v Emmanuel Schembri" deċiża fid-19 ta' Frar 1954 per Sir. Luigi Camilleri, irriteniet li wieħed mill-kriterji sabiex jiġi deċiż jekk il-fatt hux kolpa kontrattwali jew aquiliana, voldieri li, meta hemm kuntratt, il-kolpa tista' tkun aquiliana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali. "(enfasi ta' din il-Qorti.) Din il-Qorti irriteniet li fatt ta' negliġenza u imperizja li jikkostitwixxi inadempjenza kuntrattwali, li jista' ikun non factum jew anke male factum ma tistax tkun kolpa aquiliana imma damnum injuria datum li jista' isir fl-okkazzjoni ta' kuntratt. Il-Qorti ċċitat Laurent li jgħallem "Il delitto e' una lesione dell'ordine pubblico, e parimenti il quasi delitto interessa la sicurezza delle persone.... la cosa e' affatto diversa in materia di obbligazioni convenzionali. L'inadempimento di impegni da taluno stipulati non produce che un danno pecuniario.*

*Din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għall-awturi BaudryLacantinerie li jgħidu:*

*"La prescrizione dell'azione pubblica non si applica all' azione civile se non quando questa abbia esclusivamente per base un crimine, un delitto, una contravvenzione; e ' inapplicabile quando l'azione all'infuori di un fatto delittuoso, ha la sua base in un contratto anteriore a questo fatto o in una disposizione di diritto civile."*

*Hu ammess il-konkors bejn ir-responsabbilita' kontrattwali u dik extra kontrattwali. Kif ġie deċiż fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet "Vassallo vs Mizzi et", deċiża fid-9 ta' April 1949, (Vol. XXXIII.II.379) il-Qorti kkunsidrat illi "l-ħtija meta tiġi kkunsidrata fl-entita' tagħha, hija waħda; u taħt dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejħa aquiliana, li titnissel minn delitt jew kważi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawża u fil-grad.*

*In kwantu għall-kawża, il-ħtija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-eżistenti li magħha hija marbuta; mentri l-ħtija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ' ex nunc'. In kwantu għall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilita' fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wieħed jista' jirrispondi ta' ħtija ħafifa skont il-każ, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilita' testendi ruħha b'mod li dwarha ma hemmx grad."*

*Ukoll fil-każ fl-ismijiet "Arthur George Lambert et vs Anthony Buttigieg pro et noe et." (deċiża fit-18 ta' April 1963 – (Vol. XLVII.III.1110) ġie deċiż li "ma hemm xejn inkompatibbli bejn responsabbilita' kontrattwali u ħtija*

*aquiliana ... jista' jkun hemm materja ta' delitt jew kważi delitt anke f'materja ta' obbligazzjonijiet konvenzjonali; f'liema ipotesi l-parti leża jista' jkollha żewġ azzjonijiet – dik nascenti minn ħtija contrattuale u dik nascenti minn ħtija extra contrattuale."*

*Fil-każ ta' azzjoni għad-danni nascenti mir-responsabbilita' contrattuale l-attur għandu jipprova li huwa kellu favur tiegħu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-eżekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur. B'hekk ir-responsabbilita' għad-danni tirriżulta mir-rabta ġuridika jew nuqqas tagħha, u dana skont il-każ, li hemm bejn il-partijiet kontendenti.*

*L-awtur Andrea Torrente jagħti eżempju ċar sabiex ikun jista' jagħraf id-distinzjoni bejn rabta kontrattwali li tagħti lok għar-responsabbilita' contrattuale u n-nuqqas ta' rabta kontrattwali li tagħti lok għar-responsabbilita' extra contrattuale. Din iċ-ċitazzjoni hija ċitata f'diversi sentenzi reċenti tal-Qrati tagħna u, għall-iktar ċarezza, qed tiġi hawnhekk abbraċċjata wkoll minn din il-Qorti:*

*"Se io viaggio in tram, e, quindi, ho concluso un contratto di trasporto, e mi ferisco in un incidente, e' sufficente che io provi di essermi trovato nel tram e di essere stato ferito. Se, invece, mentre passo per la strada, sono investito dal tram, ho l'onere di provare non soltanto l'incidente, ma anche il dolo o la colpa del vettore o dei suoi agenti". L-awtur jispjega li fl-ambitu tar-responsabbilita' "extra contrattuale ... un rapporto obbligatorio ancora non esiste tra le parti ed essa consiste nella trasgresione di un dovere generico di contegno."*

67. Din il-Qorti tirrileva illi barra t-talba relatata mal-arrikiment indebitu, l-attur isostni wkoll illi bl-aġir tal-intimati huwa sofra danni. Illi mir-rikors promutur tar-rikorrent, senjatament mill-premessi magħmula minnu, jidher illi l-ilment tad-danni huma bbażati fuq il-fatt illi skont l-istess attur, huwa kien sab il-bejgħ ta' xi uħud mill-karozzi illi kienu ġew maqbuda permezz tal-mandat ta' qbid sabiex jinqata' d-debitu favur is-soċjeta' intimata iżda Michael Attard kien irrifjuta. In oltre, huwa jsemmi wkoll illi meta l-vetturi kienu għand il-kunsinnatarju, dawn kienu tħallew barra għall-elementi u b'hekk il-kundizzjoni tagħhom marret lura kif ukoll illi fuq tali vetturi nħarġu numru ta' ċitazzjonijiet. In oltre, similarment għal dak allegat mill-attur rigward il-vetturi, huwa jsostni wkoll illi qabel il-bejgħ b'subbasta tad-dar tiegħu huwa kien sab il-bejgħ tad-dar bi prezz tas-suq iżda dan il-bejgħ ma kienx ġie awtorizzat mill-intimati jew min minnhom.

68. Illi l-Qorti tibda billi tqis illi dawn id-danni allegatament sofferti mill-attur ma jistgħux jitqiesu bħala danni relatati man-nuqqas ta' twettiq ta' kuntratt, ta' inadempjenza ta' xi obbligazzjoni kuntrattwali għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-perjodu preskrittiv huwa dak ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

69. Illi din il-Qorti tosserva illi waqt il-kawża ġiet ippreżentata korrispondenza bejn l-avukati tal-partijiet ossia, *email* datata 7 ta' Marzu 2012 (fol 241-242) fejn l-avukat li kien jippatroċinja l-attur informa lill-avukat tas-soċjeta' intimata illi l-klijent tiegħu kien sab il-bejgħ ta' erbgħa karozzi tat-tip Peugeot 307.

Illi fl-affidavit tiegħu l-attur jgħid illi :

*"Imbagħad f'Marzu 2012 avviċinatni persuna li riedet tixtri 4 mill-karozzi li qabel kont qed nikri u li kienu għadhom kważi ġodda u peress li jien kont ġia' għaddejthom lil Brian Baldacchino, jien tlabt lill-avukat Dr Stefano Filletti joffri lil Michael Attard Limited li nbiegħlhom dawn l-erba' karozzi għal € 45,000 ... Pero' Dr Filletti ġie infurmani li l-avukat Reuben Farrugia infurmah li Michael Attard ma riedx ibiegħhom bil-prezz tas-suq għax kienu ser jitpoġġew għas-subbasta"*

(fol 27)

70. In oltre, fl-istess affidavit ir-rikorrent Albert Vella jgħid ukoll illi bejn l-2011 u ċioe' meta Michael Attard kien talbu jirritornalu l-karozzi u l-2013 meta saret it-tieni subbasta, l-intimat Brian Baldacchino kien inħatar bħala kunsinnatarju u li hu:

*"kien ħalla dawk il-karozzi kollha barra fi Triq il-Ħelsien, Triq Tumas Fenech u Triq il-Vitorja kollha ġewwa Ħal Qormi u minn żmien għal żmien kien jużahom hu u anke mara oħra li jien ma nafx min hi: pero' rajthom isuquhom fit-toroq ħafna drabi ... Anzi, dawn il-karozzi bdew jaqilgħu ċ-ċitazzjonijiet fuqhom, u ċ-ċitazzjonijiet bdew jiġu fuqi"* (fol 27).

Magħdud ma' dan, l-attur fl-affidavit tiegħu jitkellem ukoll dwar is-subbasta tad-dar.

71. Illi ai fini ta' żmien, ta' dekorriment tal-preskrizzjoni, din il-Qorti tqis illi ladarba l-attur stess jafferma li l-bejgħ tal-vetturi bil-proċedura tas-subbasta sar fis-sena 2012 u fis-sena 2013 (subbasti numru: 7/2013 u 30/2012) u la darba s-subbasta tad-dar tal-attur (subbasta numru: 5/2012), anzi l-liberazzjoni tad-dar saret fit-23 ta' Ġunju 2015 kif jidher a fol 252, allura din il-Qorti ser tqis dan il-perjodu ta' żmien.

72. Illi huwa evidenti illi fid-data meta ġiet intavolata din il-kawża u ċioe' l-4 ta' Mejju 2018 kienu għaddew aktar minn sentejn, meta tieħu in konsiderazzjoni s-snin meta saru l-liberazzjoni tal-vetturi u tad-dar ossia, s-snin 2012 u 2013 u t-23 ta' Ġunju 2015. Mill-provi prodotti, ma jidhirx illi l-attur kien intavola xi att ġudizzjarju sabiex jinterrompi l-preskrizzjoni u għalhekk il-Qorti tqis illi t-talba tal-attur imsejsa fuq l-allegati danni sofferti hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16.

73. B'hekk it-tielet eċċezzjoni sollevata mill-intimati għandha tiġi milqugħa.

**Il-ħames u t-tmien eċċezzjoni tal-intimati Michael Attard Limited u Michael Attard u s-seba' eċċezzjoni tal-intimat Brian Baldacchino - L-eċċezzjoni tal-Ġudikat**

74. Illi mill-qari tar-risposta ġuramentata tal-intimati Michael Attard Limited u Michael Attard huma jeċċepixxu li l-lanjanzi tal-arrikiment indebitu u tad-danni ġew imressqa mir-rikorrent quddiem din l-Qorti kif diversament presjeduta għal aktar minn darba u ġew respinti.

75. Illi l-intimat l-ieħor fil-kawża Brian Baldacchino, ukoll jeċepixxi illi l-lanjanza tad-danni u t-talbiet għar-riżarċiment ta' danni kienet diġà mressqa mir-rikorrent quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta għal aktar minn darba.

76. Illi għaldaqstant, l-intimati qegħdin permezz tal-eċċezzjonijiet imsemmija jeċepixxu l-ġudikat, ossia, r-*res judicata*.

77. Illi din il-Qorti ser tibda billi tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Carmelo Cauchi et vs Rita Debono***[6], fejn il-Qorti fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-*res judicata* ssostni kif ġej:

> *"Magħdud dan, eċċezzjoni tal-ġudikat ma tinvolvi l-ebda kostituzzjoni ta' fatt iżda hi waħda ta' natura prettament ġuridika. Huwa mportanti pero', u għandu jinżamm dejjem in mira, illi l-prinċipji legali nvoluti jridu jinqraw mhux biss fl-isfond tal-ġurisprudenza stabbilita in materja, iżda fuq kollox unitament mal-fatti partikolari tal-każ taħt diskussjoni u tal-portata tad-deċiżjoni preċedenti.*
>
> …
>
> *Tajjeb li qabel kull kunsiderazzjoni oħra jiġi ribadit dak kaptat mid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kummerċjali nhar il-5 ta' Novembru, 1934 fl-ismijiet Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et, fejn ġie ritenut:*
>
> *L-'exceptio rei judicatae' għandha bħala fundament il-fatt tal-interess pubbliku, u wkoll għaliex 'interest rei publicae ut sit finis litium'. Sentenza li għaddiet 'in giudicato', jiġifieri li ma tista' tappella minnha iżjed, hija miżmuma bħala tajba u sewwa u tal-ħaqq - 'res judicata pro veritate habetur' - jiġifieri l-fundament tal-'actio' u tal-'exceptio judicati' hija preskrizzjoni legali, u għalhekk hija 'strictissimae interpretationis'.*
>
> *B'dan fermament imnissel, huwa magħruf ukoll li l-elementi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat huma li s-sentenza ta' qabel kienet mogħtija f'kawża bejn l-istess persuni fuq l-istess suġġett u għall-istess kawżali - eadem personam, eadem res, eadem petendi – bħal fil-kawża l-ġdida.*
>
> *Dawn l-elementi ġew ikkonfermati bħala rekwiżiti f'sensiela kostanti ta' deċiżjonijiet tal-Qrati nostrani nkluż dik diġa' iċċitata supra mogħtija fl-ismijiet Francesca Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et fejn ġie ulterjorment ribadit li:*
>
> *L-elementi ta' l-eċċezzjoni tal-ġudikat huma li s-sentenza ta' qabel kienet mogħtija f'kawża bejn l-istess persuni u fuq l-istess oġġett u għall-istess kawżali (eadem personae, eadem res, eadem causa petendi) bħal fil-kawża l-ġdida, u li l-exceptio judicati għandha bħala fondament tagħha l-interess pubbliku, u hija ta' interpretazzjoni strettissima, u f'każ ta' dubju, il-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni.*

[6] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)(Ġurisdizzjoni Superjuri)(Sezzjoni Ġenerali) fis-6 ta' Diċembru 2024- Rik. Numru: 40/2022

*Għandu jingħad illi dawn it-tliet elementi ossia; l-istess oġġett - eadem res, l-istess partijiet - eadem personae, u l-istess mertu - eadem causa petendi iridu jikkonkorru u, fin-nuqqas, ma jistax jingħad li l-ħaga hija l-istess b'dan li l-ġudikat ma jistax jissussisti - nisi omnia concurrunt, alia res est.*

*Huwa magħruf, kif joħrog ukoll mill-ġurisprudenza ċċitata, li l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza, tbiegħed il-possibilita' ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin, u ttemm il-possibilita' ta' kwestjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza li tkun ingħatat.*

*...*

*Min-naħa l-oħra, dan il-prinċipju huwa mwieżen b'dak l-ieħor daqstant għaqli li, fejn kwistjoni tkun ġiet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, tiġi konfermata jew, jekk ma tiġix appellata jew ritrattata fiż-żmien li tippreskrivi l-liġi.*

*Dan il-prinċipju jissaħħaħ meta l-kwistjoni li dwarha tinfetaħ it-tieni kawża, jkun diġa' jeżisti filwaqt li tingħata s-sentenza fl-ewwel kawża."*

78. Illi mis-sentenza hawn fuq ċitata, jidher illi sabiex l-eċċezzjoni tar-*res judicata* tirnexxi jridu jinkonkorru t-tlett elementi, ossia *eadem personam, eadem res* u *eadem petendi.*

79. Illi din il-Qorti l-ewwel u qabel kollox tosserva illi l-intimati meta taw din l-eċċezzjoni ma għamlu ebda riferenza għall-kawża jew kawżi li skonthom din il-Qorti kif diversament presjeduta diġa' trattat il-lanjanzi tal-arrikiment indebitu u tad-danni sofferti.

80. Illi huwa minnu li bejn il-partijiet, anzi preċiżament bejn is-soċjeta' intimata u l-attur kien hemm diversi kawżi u proċeduri ġudizzjarji, madanakollu din il-Qorti tqis illi l-intimati naqsu milli jagħtu prova ta' liema hija jew huma dawk il-kawżi fejn il-Qorti diġa' kienet kjamata li tiddeċiedi dwar l-arrikiment indebitu u l-allegazzjoni tad-danni.

81. Għaldaqstant, stante illi din l-eċċezzjoni għandha tingħata interpretazzjoni stretta, din il-Qorti tqis illi l-eċċezzjonijiet tar-*res judicata* sollevati mill-intimati fir-risposti ġuramentata tagħhom għandhom jiġu miċħuda.

## Meritu tal-Każ

82. Illi in vista tal-fatt illi kif provdut aktar kmieni f'din is-sentenza, t-talba relattiva għad-danni hija waħda preskritta għaldaqstant ai fini tal-mertu tal-kawża din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistħarreġ it-talba tal-attur rigward l-arrikiment indebitu jew kif komunement hija riferuta din l-azzjoni: l-*actio de in rem verso*.

83. Illi sabiex tagħmel dan, il-Qorti sejra fl-ewwel lok tirriproduċi t-test tal-liġi li jipprovdi dwar din l-azzjoni, ossia l-Artikolu 1028A u l-Artikolu 1028B tal-Kodiċi Ċivili:

*"1028A. (1) Min, mingħajr kawża ġusta, jarrikkixxi ruħu għad-dannu ta' ħaddieħor għandu fil-limiti tal-arrikkiment iħallas lura u jikkumpensa għal kull tnaqqis patrimonjali li setgħet sofriet dik il-*persuna.

*(2) Jekk l-arrikkiment huwa ta' oġġett determinat, dak li rċevih huwa marbut li jagħti lura l-oġġett in natura jekk dan ikun għadu jeżisti fil-*mument tat-talba.

*1028B. L-actio de in rem verso ma tistax tiġi eżerċitata meta min sofra t-telf jista' juża azzjoni oħra sabiex tagħmel tajjeb għad-dannu."*

84. In oltre, din il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel referenza għal dak li tipprovdi l-ġurisprudenza nostrana fuq l-*actio de in rem verso*.

85. Referenza ser issir għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Blye Engineering Co. Ltd vs Victor Balzan et***[7], fejn il-Qorti tosserva illi:

*"Huwa notorjament riċevut fid-dottrina illi l-azzjoni ta' l-arrikkament indebitu mhijiex proponibbli meta l-kreditur danneġġjat seta' jeżerċita azzjoni oħra biex jiġi indennizzat għall-preġudizzju soffert. Difatti hu magħruf illi l-azzjoni "de in rem verso" għandha karattru sussidjarju. Din is-sussidjarjeta` tal-azzjoni hi ntiża fis-sens li hu biżżejjed biex tiġi eskluża l-proponibilita` tagħha l-fatt tal-possibilita` ta' azzjoni diversa. Dan indipendentment mill-konsiderazzjoni jekk din l-azzjoni diversa tistax twassal għal riżultat utli. Skond it-Trabucchi ("Arrichimento") l-azzjoni ta' l-arrikkament hi inammissibbli anke meta l-azzjoni diversa tkun saret improponibbli jew esperita inutilment. Biex jista' jkun xort'oħra u l-azzjoni 'de qua' tkun tista' ssir 'in via subordinata' jrid jirriżulta li fil-kawża l-oħra d-domanda tkun ġiet miċħuda minħabba l-karenza "ab origine" tal-azzjoni "ex contractu" għal motiv, per eżempju, tad-difett tat-titolu miġjub bħala l-bażi tagħha.*

*Fir-rigward tal-konsiderazzjoni premessa l-ġurisprudenza tagħna tidher li hi waħda konkordi u paċifika.*

*(1) "L-azzjoni de in rem verso hija esperibbli biss meta mhiex esperibbli l-azzjoni "ex contractu"; u għalhekk meta l-attur għandu l-azzjoni "ex contractu" kontra d-debitur, huwa ma jistax jagixxi kontra haddiehor bl-azzjoni 'de in rem verso' – Kollez. Vol. XXXIV pIII p784)*

*(2) "Kwantu għall-pretensjoni tal-appellant, fis-sens li huwa għandu dritt għall-ħlas tas-somma reklamata bl-"actio de in rem verso", jingħad li din l-azzjoni hi rimedju sussidjarju estiż għall-każijiet meta tkun avverat ruħha l-okupletazzjoni effettiva għad-dannu ta' ħaddiehor, u ssib il-fondamentament tagħha fil-prinċipju "jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento et injuria fieri locupletiorem" (L206 fr.de regulis*

[7] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Ġunju 2004-Kawża numru: 589/2001/1

*juris). Dan ir-rimedju ġie konċess fil-każijiet fejn ma hiex esperibbli l-azzjoni "ex contractu" - Kollez. Vol. XLI pI p631*

*(3)"Minn dan li ntqal fuq jitnissel illi din l-azzjoni, ntrodotta mill-ekwita` tal-pretur ruman, ġiet estiża għal kwalunkwe vantaġġ li persuna tirritraji mill-fatt ta' ħaddieħor, mingħajr titolu ġuridiku, jew b'titolu difettuż, jew null" – Kollez. Vol. XXXIX pII p764).*

*(4) Għalhekk, ad exemplum, "meta obbligazzjoni tiġi annullata minħabba inkapaċita` ta' wieħed mill-kontraenti, ma tagħtix lill-kontraent l-ieħor ebda dritt għar-restituzzjoni ta' dak li jkun ġie mogħti, jew ta' dak li jkun ġie mħallas in forza ta' din l-obbligazzjoni, imma di regola hija soġġetta għall-eċċezzjoni fil-każ li jiġi pruvat li l-ħaġa mogħtija jew imħallsa tkun avvantaġġjat lil min kontra tiegħu ssir l-azzjoni. Minn dan jitnissel li l-obbligazzjoni trid tkun ġiet kuntratta ma' inkapaċi, li l-istess għalhekk tkun ġiet annullata, u l-pagament ikun ġie realment magħmul in forza ta' l-obbligazzjoni annullata" – Kollez. Vol. XLI pII p816.*

*Is-suesposti preċiżazzjonijiet huma annoverati wkoll fil-ġurisprudenza estera, speċjalment dik Taljana.*

*A propożitu fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Marzu 1991, Numru 2283, il-Qorti tal-Kassazzjoni irrilevat illi, "l'azione di arricchimento senza causa e` proponibile soltanto nel caso in cui non sia prevista altra azione a tutela di colui che lamenta il depauperamento, ovvero quando la domanda sia stata respinta sotto il profilo della carenza "ab origine" dell'azione proposta, e non anche nel caso in cui sia stata infruttuosamente sperimentata nel merito la domanda volta al soddisfacimento della pretesa".*

*Hekk insibu wkoll illi minħabba l-karattru sussidjarju tagħha din l-azzjoni titqies inammissibbli "allorche chi la eserciti disponeva di un'azione che si e` prescritta o in relazione alle quale si sia verificata decadenza" (Cassazione, 5 ta' April 2001, Numru 5072) jew li fiha "sia rimasto soccombente in giudizio per ragioni di rito o di merito" (Cassazione, 8 ta' Awissu 1996, Numru 7285)."*

86. Illi fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Raymond Avallone et vs Therese Agius***[8], il-Qorti spjegat x'inhuma r-rekwiżiti tal-azzjoni tal-*actio de in rem verso*:

*"Illi r-rekwiżiti ta' l-azzjoni ekwitattiva "de in rem verso" gia` ġew abbilment stabbiliti fil-kawżi fl-ismijiet segwenti u f'dawk fihom ċitati, u din il-qorti ma tara l-ebda ħtieġa li tirrepeti dak gia' riskontrat bl-aktar mod erudit fis-segwenti deċiżjonijiet:*

a. *Prim'Awla tal-Qorti Ċivili: Pulis vs Ellul et, datata t-30 ta' Novembru ta' l-1935, Vol.XXIX, p.II, p.812;*

[8] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Novembru 2004- Kawża numru: 475/2002/1

b. *Prim'Awla tal-Qorti Ċivili: Said et vs Testaferrata Bonnici Għaxaq et, datata is-16 ta' Ġunju ta' l-1936, Vol. XXIX, p II, p.1105;*
c. *Qorti ta' l-Appell: Brincat vs Fleri noe. et datata t-30 ta' Mejju ta' l-1938, Vol. XXX, p.I, p.666;*
d. *Qorti ta' l-Appell: Ford noe vs Galea, datata d-29 ta' Jannar ta' l-1940, Vol.XXX, p.I, p.466;*
e. *Qorti ta' l-Appell: Bondi` vs Abdilla et, datata l-14 ta' Marzu ta' l-1949, Vol. XXXIII, p.I, p.447;*

*Illi sintetikament pero' ir-rekwiżiti ta' din l-azzjoni huma s-segwenti;*

*1. L-arrikkiment;*
*2. Il-vinkolu tal-kawżalita';*
*3. Il-karattru inġust ta' l-arrikiment;*

*Illi l-Baudrey, (Obbligazioni Vol.IV, p.527):*

*"...oggi tutti ammettono, conformemente alla tradizione, l'esistenza dell'azione 'de in rem verso'";*

*lli din l-azzjoni hi bbażata fuq l-ekwita' li t-Touillier isejħilha, (Vol.XI, n.55, para.3, nn.58):*

*"Questa grande regola di morale e di guistizia naturale;"*

87. Illi fis-sentenza diġa' kwotata ***Maltacom plc vs Vestimoda Company Limited,*** il-Qorti fuq din l-azzjoni tgħid hekk:

*"Illi azzjoni mibnija fuq il-kawżali tal-arrikkiment mhux mistħoqq hija waħda sussidjarja magħrufa bħala l-actio de in rem verso, li hija azzjoni mogħtija lil persuna f'dawk il- każijiet fejn ma tistax titressaq azzjoni ex contractu. Din l-azzjoni hija msejħa sussidjarja għaliex ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex għalxejn mod ieħor lil min stagħna bi ħsara tiegħu jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm l-ebda azzjoni li setgħet issir. Tista' titressaq ukoll fejn jintwera li jkun għalxejn li l-attur l-ewwel jipprova jmexxi kontra d-debitur tiegħu f'każ, per eżempju, li dan ikun falla jew telaq għal kollox mill-ġurisdizzjoni;*

*Illi l-azzjoni hija wkoll, u minħabba dak li għadu kemm ingħad, waħda ekwitativa. Kemm hu hekk, il-prinċipju li jmexxi din l-għamla ta' azzjoni huwa dak li m'huwiex xieraq li persuna tistgħana bi ħsara ta' ħaddieħor (nemo licet locupletari cum aliena iactura) . Għalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjeż minfuqa mill-parti attriċi, u għandha l-mira li terġa' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun stagħna u dak tal-parti li tkun għamlet jew nefqet spejjeż biex dan ikun seħħ. Billi din l-azzjoni għandha l-għerq tagħha fl-istitut tal-kważi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wieħed leċitu u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni, u li l-fatt ma jkunx seħħ kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti interessata.*

*Illi ingħad ukoll li l-elementi li jsejsu l-azzjoni huma (a) li persuna kisbet jew qiegħda tikseb vantaġġ jew utilita'minħabba li xi ġid ta' ħaddieħor għadda għandha jew minħabba li xogħlijiet jew servizzi twettqu fi ħwejjiġha bla ma sar il-ħlas għalihom jew b'mod li ġew iffrankati spejjeż lill-parti li b'hekk tkun stagħniet; (b) it-tnaqqis mill-ġid tal-parti l-oħra b'titolu lukrattiv; (ċ) ir-rabta bejn it-tnaqqis tal-ġid tal-parti l-waħda u ż-żieda jew benefiċċju tal-parti l-oħra; (d) in-nuqqas ta' raġuni li tiġġustifika l-arrikkiment ta' parti u l-"ftaqir" tal-parti l-oħra u (e) li min laqa' għandu l-ħaġa jew is-servizz stagħna b'dik il-ħaġa jew b'dak is-servizz."*

88. Illi referenza ser issir ukoll għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Paul Caruana et vs Ta' Cerkes Limited***[9], fejn il-Qorti għamlet analiżi estensiva ta' l-azzjoni tal-arrikiment indebitu u tenniet illi:

*"Artikolu 1028A introdott bl-Att VIII tas-sena 2007, daħħal fil-kotba statutorji nostrani istitut li għandu l-għeruq tiegħu fid-Dritt Ruman u li għall-bosta snin kien ġia rikonoxxut, aċċettat u applikat mill-qrati Maltin.*

*...*

*L-azzjoni tal-arrikkiment in debitu hija msejsa fuq il-prinċipju li m'huwiex xieraq li persuna tistgħana bi ħsara ta' ħaddiehor (nemo licet locupletari cum aliena iactura). Għalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjeż minfuqa mill-parti oħra u għandha l-mira li terġa' trodd lura dak it-tnaqqis patrimonjali li setgħet sofriet dik il-persuna. L-azzjoni ta' l-arrikkament in debitu m'hijiex proponibbli meta l-kreditur danneġġjat seta' jeżerċita azzjoni oħra biex jiġi indennizzat għall-preġudizzju soffert.Fil-fatt hu magħruf illi l-azzjoni de in rem verso għandha karattru sussidjarju.*

*...*

*L-elementi ta' l-actio de in rem verso huma s-segwenti:*

*a. li persuna kisbet jew qiegħda tikseb vantaġġ jew utilita minħabba li xi ġid ta' ħaddieħor għadda għandha jew minħabba li xogħlijiet jew servizzi twettqu fi ħwejjiġha bla ma sar il-ħlas għalihom jew b'mod li ġew iffrankati spejjeż lill-parti li b'hekk tkun stagħniet;*
*b. Il-korrelazzjoni bejn it-tnaqqis tal-ġid tal-parti l-waħda u ż-żieda jew benefiċċju tal-parti l-oħra;*
*c. In-nuqqas ta' kawża ġusta; u*
*d. Nuqqas ta' azzjoni oħra.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet Jan Sammut v. Vincent Farrugia et, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru, 2020, ġew elenkati l-prinċipji li jirregolaw l-actio de in rem verso:*

*"25. Illi huwa aċċettat u stabbilit li tali azzjoni hija mogħtija lil persuna f'dawk il-każijiet fejn ma tistax titressaq la azzjoni ex contractu jew lanqas*

[9] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Mejju 2022- Kawża numru: 781/2017

*dik akwiljana mnissla mill-fatt illeċitu jew saħansitra dik maħsuba għar-radd lura tal-ħlas indebitu. Din l-azzjoni hija msejħa sussidjarja għaliex ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex għalxejn mod ieħor lil min stagħna bi ħsara tiegħu jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm l-ebda azzjoni li setgħet issir;*

*26. Illi l-azzjoni hija wkoll, u minħabba dak li għadu kemm ingħad, waħda ekwitativa. Kemm hu hekk, il-prinċipju li jmexxi din l-għamla ta' azzjoni huwa dak li m'huwiex xieraq li persuna tistgħana bi ħsara ta' ħaddieħor (nemo licet locupletari cum aliena iactura). Għalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjeż minfuqa mill-parti attriċi, u għandha l-mira li terġa' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun stagħna u dak tal-parti li tkun għamlet jew nefqet spejjeż biex dan ikun seħħ. Billi din l-azzjoni għandha l-għerq tagħha fl-istitut tal-kważi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wieħed leċitu` u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni, u li l-fatt ma jkunx seħħ kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti interessata;*

*27. Illi ingħad ukoll li l-elementi li jsejsu l-azzjoni huma (a) li persuna kisbet jew qiegħda tikseb vantaġġ jew utilità minħabba li xi ġid ta' ħaddieħor għadda għandha bla ma sar il-ħlas għalih jew b'mod li ma saritx xi ħaġa li kellha ssir u li kienet ir-raġuni għaliex kien ingħata dak il-ġid; (b) it-tnaqqis mill-ġid tal-parti l-oħra b'titolu lukrattiv; (ċ) ir-rabta bejn it-tnaqqis tal-ġid tal-parti l-waħda u ż-żieda jew benefiċċju tal-parti l-oħra; (d) in-nuqqas ta' raġuni li tiġġustifika l-arrikkiment ta' parti u l-"ftaqir" tal-parti l-oħra u (e) li min laqa' għandu l-ħaġa jew is-servizz stagħna b'dik il-ħaġa jew b'dak is-servizz;"*

*Is-sentenza appena ċitata ġiet ikkwotata b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell f'sentenza reċenti fl-ismijiet Richard Dimech vs Alessio Zammit et. mogħtija fit-30 ta' Marzu 2022 u kompliet illi din ix-xorta ta' azzjoni:*

*"... għandha l-għan li trodd lura l-ekwilibriju, billi treġġa' lura l-vantaġġ li kiseb il-konvenut minħabba l-ispejjeż li ffranka grazzi għall-ispejjeż magħmula mill-attur. Wara kollox, kif ingħad drabi oħra, din l-azzjoni ġiet estiża għal dawk il-każijiet fejn parti tkun ser tieħu vantaġġ minn fuq persuna oħra mingħajr ma jkun hemm titolu ġuridiku (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-1 ta' Ġunju, 2007, fil-kawża fl-ismijiet Stella Darmanin v. Carmel Debono nomine, fejn saret referenza wkoll għall-kawża Saliba v. Caruana, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' April, 2006, fejn ġie spjegat li element tal-azzjoni hu "in-nuqqas ta' raġuni li tiġġustifika l-arrikkiment ta' parti u l-'ftaqir' tal-parti l-oħra".) Jekk parti jkollha raġuni ġuridika biex iżżomm l-arrikkiment, allura dan ir-rimedju ma jistax jingħata."*

*Sabiex tirnexxili l-azzjoni de in rem verso, iridu jiġu sodisfatti l-elementi kollha, inkluż ir-rekwiżit ta' nuqqas ta' kawża ġusta kif ukoll li m'hemmx azzjoni oħra li l-atturi setgħu jagħmlu użu minnha."*

89. Ġialadarba, l-Qorti permezz tal-ġurisprudenza kwotata evidenzjat x'inhi n-natura tal-azzjoni odjerna u x'inhuma r-rekwiżiti li għandhom jiġu sodisfatti sabiex din l-azzjoni

tirnexxi, din il-Qorti sejra teżamina dan kollu fil-kuntest tal-kawża li għandha quddiemha.

90. Illi permezz tal-azzjoni tiegħu, l-attur qiegħed isostni illi huwa kien iffirma numru ta' kambjali sabiex ikopru l-ammont dovut għax-xiri tal-karrozzi, li skont l-istess rikorrenti dan jammonta għas-somma ta' tlett mija u erbgħa u għoxrin elf, tmien mija u sitta u tmenin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmi (Ewro 324,886.88) bl-interessi inklużi ġo fihom. In oltre, l-istess attur jgħid illi huwa ħallas dawn l-ammonti:

- Ewro 91,707.88
- Ewro 41,262,18
- Ewro 20,551.44
- Ewro 36,890.00

91. Illi r-rikorrenti jispjega wkoll illi s-soċjeta' intimata kienet ipproċediet kontra l-attur u ottjeniet sentenza fejn l-attur kien ġie ordnat illi jħallas is-somma ta' mija u erbgħa u għoxrin elf, tmienja u sittin Euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€124,068.88). In oltre, fil-konfront tal-attur kienet ġiet intavolata ittra uffiċjali b'azzjoni kambjarja (li ġiet reża eżekuttiva) għall-ħlas tas-somma ta' mija u sebat'elef, tmien mija u tmenin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (Ewro 107,880.51).

92. Illi sussegwentament, is-soċjeta' konvenuta kienet intavolat diversi subbasti, fejn inbiegħu numru ta' vetturi rreġistrati f'isem l-attur kif ukoll subbasta fejn kienet inbiegħet id-dar tal-istess attur.

93. Illi din il-Qorti tosserva illi fl-affidavit tiegħu, l-attur jispjega l-ammonti mħallsa minnu u jippreżenta erba' settijiet ta' dokumenti intitolati 'Batch 1', 'Batch 2', 'Batch 3' u 'Batch 4' (fol 29-232).

94. Illi l-Qorti tosserva illi r-relazzjoni bejn l-attur u s-soċjeta' intimata kienet waħda ta' natura kummerċjali u kuntrattwali fejn l-attur xtara numru ta' vetturi mingħand is-soċjeta' konvenuta u għall-ħlas tal-imsemmija vetturi l-attur kien iffirma diversi kambjali.

95. Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tirrileva illi kif provdut aktar kmieni fis-sentenza u senjatament, b'referenza għall-ġurisprudenza hawn fuq kwotata, l-azzjoni ta' arrikiment indebitu huwa azzjoni sussidjarja fejn: *"ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex għalxejn mod ieħor lil min stagħna bi ħsara tiegħu jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm l-ebda azzjoni li setgħet issir"*.

96. Illi l-Qorti tinnota illi fil-proċeduri ġudizzjarji mressqa mis-soċjeta' intimata, u ċioe', fil-kawża numru 1140/2011 u fl-ittra uffiċjali bin-numru 2579/2013, li permezz tagħhom is-soċjeta' konvenuta kienet ottjeniet it-titoli eżekuttivi tagħha, r-rikorrent anqas kien biss ressaq l-oġġezzjoni tiegħu u kkontestahom - Anzi fil-kawża numru 1140/2011 l-attur stess ammetta quddiem il-Qorti illi għandu jagħti dak l-ammont lis-soċjeta' konvenuta. Illi barra minn hekk, din il-Qorti tirrileva illi mill-provi prodotti, jidher biċ-ċar illi l-attur, li, mas-soċjeta' konvenuta kellu relazzjoni kuntrattwali, qatt ma kien ħa azzjoni kontra s-soċjeta' intimata għall-ammonti mħallsa minnu u li skontu ma kinux ġew imnaqqsa. Illi l-azzjonijiet li tressqu mir-rikorrent, kienu wara li s-

soċjeta' konvenuta ottjeniet it-titoli eżekuttivi tagħha u li b'hekk setgħet timxi bl-eżekuzzjoni tagħhom.

97. Dan kollu jammettieh l-attur stess fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami meta rigward il-kawża kif ukoll l-ittra uffiċjali huwa jirrispondi kif ġej:

> *"Dr Reuben Farrugia:*
> *Issa fil-paragrafu sussegwenti one ... two ... three ... four ... five ... fil-paragrafu sussegwenti inti tagħmel referenza għal kawża deċiża mill-Qorti fl-ammont ta' hundred twenty eight thousand, one hundred ninety eight (128,198). Qabel ma naslu għaliha inti qed issemmi sitwazzjonijiet fejn il-mara rrappurtat lill-Qorti u kien hemm proċeduri l-Qorti ... int ... inti dak iż-żmien kellek avukat lil Stefano Filletti ...*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Ehe ... ehe ... mela ...*
>
> *Dr Reuben Farrugia:*
> *Mela jiġifieri għaliex kellek il-kwistjonijiet ukoll mal-mara ?*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Mhux hekk ... mhux hekk.*
>
> *Dr Reuben Farrugia:*
> *Jiġifieri kellek avukat ?*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Mela ... mela kelli avukat.*
>
> *Dr Reuben Farrugia:*
> *Meta ġiet deċiża din il-kawża tal-hundred and twenty eight thousand (128,000) inti b'xi mod appellajt ... ikkontestajt ... għamilt xi ħaġa ?*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Le għax jiena s-Sur Michael kien ...*
>
> *Dr Reuben Farrugia:*
> *Irrispondi ... għidli iva jew le ...*
>
> *Dr Leslie Cuschieri:*
> *Iva ħa jirrispondik ...*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Qed ngħid il-verita ...*
>
> *...*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Qalli m'għandekx bżonn avukat ... itla' u ammetti. U hekk għamilt.*

*Dr Reuben Farrugia:*
*Issa xi stadju wara ... f'xi stadju wara inti lill-avukat ikkonsultajt miegħu ... staqsejtu xi ħaġa lil Stefano Filletti dwar din il-kawża ?*

*Ix-Xhud:*
*Le ta' ma jidhirlix ...*

*Dr Reuben Farrugia:*
*Ma jidhirlekx.*

...

*Dr Reuben Farrugia:*
*Inti qed tgħidilna wkoll li rċivejt ittra uffiċjali mingħand Michael Attard Ltd għall-hundred and eight thousand (108,000) u qed tgħid ... ha naraw mela ... l-ittra uffiċjali numru 2579 tat-'13 ... tat-28 ta' Awwissu bħala azzjoni kambjarja biha talbet il-ħlas ... fol 28 qed naqra Sur Imħallef ... sar dovut fuq il-kambjali li kienu x'jitħallsu dan l-ammont one ow seven eight eight ow (107,880). Jien ma ndunajtx li din kienet xi ħaġa differenti minn dak li kien qed jiġri fis-subbasta u ma rrispondejtx. Jiġifieri int irċevejt ittra uffiċjali mingħand Michael Attard u qed jgħidlek għandek ittini hundred and seven thousand (107,000) oħra. F'dan l-istess żmien fejn kellek il-subbasta tal-karozzi, kellek is-subbasta tad-dar u rċivejt ittra uffiċjali ... x'għamilt dwarha din l-ittra uffiċjali li rċevejt ?*

*Ix-Xhud:*
*M'għamilt xejn hux."*

(fol 914 et seq u fol 921 et seq)

98. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi li l-azzjoni ta' *actio de in rem verso* mressqa mill-attur tfalli l-element ta' sussidjarjeta'.

99. Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi barra l-element ta' sussidjarjeta', l-azzjoni tal-attur tfalli r-rekwiżiti u l-elementi l-oħra tal-*actio de in rem verso* u l-Qorti ser tgħaddi sabiex tispjega għaliex dan huwa minnu.

100. Illi b'referenza għad-dokumenti ppreżentati mill-attur li huwa jirreferi għalihom bħala 'Batch 1', 'Batch 2', 'Batch 3' u 'Batch 4' u li skontu huma ammonti mħallsa minnu, fix-xhieda mogħtija minn Michael Attard fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2019, huwa jikkonferma l-ħlasijiet tal-ewwel, it-tieni u r-raba' 'batch' però joġġezzjona illi t-tielet 'batch' huma ħlasijiet li saru mill-attur. Huwa jgħid kif ġej:

*"Dr Leslie Cuschieri:*
*Igifieri l-ħlasijiet indikati ta' batch one ta' ninety one thousand, qed taqbel illi saru dawk il-ħlasijiet?*

*Ix-Xhud:*

*Iva. Iva. Pero li m'intomx tieħdu in consideration huma l-interessi, għax inti ma tistax taqta' dak l-ammont bħala kapital. Hemm l-interessi. U qegħdin fuq l-istatements.*

*Dr Leslie Cuschieri:*
*Fuq l-ammont li tħallas qed naqblu.*

*Ix-Xhud:*
*Iva qed naqblu. Naqblu.*

*…*

*Il-Qorti:*
*U batch two?*

*Ix-Xhud:*
*Huma ppostjati fis-sistema … batch two l-istess ħaġa …*

*Il-Qorti:*
*Allright igifieri dawk taqblu wkoll li sar dak il-pagament li huma ppostjati fis-sistema tagħkom.*

*Ix-Xhud:*
*Hekk hu. Issa din tal-kambjali diga' emm … spjegaha Dr Reuben …*

*...*

*Dr Leslie Cuschieri:*
*Biex inkunu ċerti li qed nifhmu tajjeb, għar-rigward ta' batch two, dawk il-fourty one thousand ...*

*Il-Qorti:*
*Imħallsin.*

*Dr Leslie Cuschieri:*
*Qed naqblu.*

*Ix-Xhud:*
*Iva iva … allright.*

*Il-Qorti:*
*Issa, fuq il-batch number three.*

*Ix-Xhud:*
*Batch number three huma kambjali … kopja ta' kambjali li aħna preżentajna biex nitħallsu tagħhom.*

*Il-Qorti:*
*Iġifieri hu qed jgħid ...*

*Ix-Xhud:*
*Dawk mhumiex kambjali li tajnih aħna bħala mħallsin ...*

*Il-Qorti:*
*Allright. Iġifieri dawka li huma indikati bħala Batch Three, huma kambjali li intom ma tħallastux tagħhom?*

*Ix-Xhud:*
*Eżatt.*

...

*Il-Qorti:*
*Ok. Issa imbagħad fuq Batch Four.*

*Ix-Xhud:*
*Issa Batch Four. Issa dawn kienu pagamenti li kien iħallas Albert Vella emm ... ma konniex nagħmlu irċevuta minn ġos-sistema imma dejjem kont intih irċevuta. Ir-raġuni kienet li kellu problemi mal-mara u ma riedx irċevuti uffiċjali. Dawn l-ammonti aħna xorta daħħalnihom fis-sistema. Dana Batch Four huwa mmarkat ukoll fuq l-istatements li għamilna u qegħdin imdaħħlin hemmhekk, fil-pagamenti.*

*Il-Qorti:*
*Igifieri Batch four ta' thirty six thousand, eight hundred and ninety (36,890), dawka hallsukom ukoll?*

*Ix-Xhud:*
*Yes. Yes.*

*Dr Reuben Farrugia:*
*U ppostjati.*

*Ix-Xhud:*
*U ppostjati. Iġifieri imbagħad ovvjament inqatgħu l-interessi minnhom"*

(fol 275-278)

101. Referenza ser issir għax-xhieda mogħtija minn Stefan Sacco u għad-dokumentazzjoni eżebita minnu, fejn f'din id-dokumentazzjoni, kif jispjega x-xhud stess, hemm fost l-oħrajn l-*history* ta' kull kont u l-*statement of account* tal-attur li juru l-pagamenti li saru mill-attur kif ukoll fihom hemm ukoll l-ammonti li tħallsu wara l-proċeduri tas-subbasta kif ukoll iċ-ċitazzjonijiet li ġew inkorsi fuq il-vetturi rreġistrati f'isem l-attur u li imbagħad iddaħħlu fil-kontijiet tiegħu.

102. Illi għal dak li għandu x'jaqsam, mal-kambjali eżebiti mir-rikorrent bħala 'Batch 3', ix-xhud Stefan Sacco jispjega illi dawk mhumiex kambjali rritornati lill-attur għaliex kienu ġew imħallsa (eżebiti minn Stefan Sacco bħala Dok SS5). Infatti, huwa jgħid illi:

*"Ix-Xhud:*
*Issa emm ... ħaġa oħra imbagħad kien hemm id-domanda jekk dawn il-kambjali allura ħallashomx. Għax għandhom il-kambjali u l-kambjali oriġinali għadhom għandna ... dawn huma sett ta' kambjali li konna preżentajna l-Qorti aħna.*

....

*"Il-Qorti:*
*SS 5.*

*Dr Reuben Farrugia:*
*Iġifieri spjega sekonda ... dawk huma kambjali li huma qed jgħidu li ħallsu ...*

*Ix-Xhud:*
*Ehe ...*

*Dr Reuben Farrugia:*
*Imma fil-verita' kienu mal-ittra uffiċjali li preżentajna ...*

*Ix-Xhud:*
*Eżatt ... eżatt. L-oriġinali qegħdin għandna. Iġifieri ...*

*Dr Leslie Cuschieri:*
*L-oriġinali huma dawk?*

*Ix-Xhud:*
*Le ... le ...*

*Il-Qorti:*
*No ... no ... dawn huma kopji tal-oriġinali ... dawn huma kopji ta' dawk li intom kontu bgħattu flimkien mal-ittra uffiċjali.*

*Dr Reuben Farrugia:*
*Yes."*

(fol 308-309)

103. Din il-Qorti tirrileva illi meta l-attur fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami kien ġie kkonfrontat fuq il-ħlas tal-imsemmija 'Batch 3' huwa kien irrisponda kif ġej:

*"Il-Qorti :*
*Dan huwa batch 3 ehe ... huma il-kambjali rritornati din il-lista ...*

*Dr Reuben Farrugia:*
*Iġifieri int qed tgħid illi dawk il-kambjali li hemm photocopied hemm hekk ... tawhomlok Michael Attard minflok irċevuta?*

*Ix-Xhud:*

*Heqq minn fejn tridni nġibhom jien bil dik tiegħu?*

...

*Il-Qorti:*
*Sinjur ta' injorat li jien biex nifhem jien ... la darba tawk il-kambjala lura ma jkunux kitbu xi mkien paid. Dawn iġifieri tawhomlok hekk mingħajr ebda indikazzjoni imħallsin hekk?*

*Ix-Xhud:*
*Jiena kont nafdahom b'għajnejja magħluqa ...*

*Dr Reuben Farrugia:*
*L-oriġinal tagħhom ...*

*Ix-Xhud:*
*Iġifieri lanqas każ x' jikteb ... ħa ngħidlek il-pura verità voldieri.*

*Dr Reuben Farrugia:*
*L-oriġinal tagħhom fejnhom Sur Vella?*

*Ix-Xhud:*
*Mhux għandkom heqq. Għax jekk tajtuni dawk l-oriġinali qegħdin għandkom jien nimmaġina jien ma nafx ... peress illi lili tajtuni dawk.*

*Dr Reuben Farrugia:*
*Iġifieri inti qed tgħid illi Michael Attard tawk fotokopji ...*

*Ix-Xhud:*
*Heqq mela ... mhux hekk mela.*

*Dr Reuben Farrugia:*
*Photocopy tawk.*

*Ix-Xhud:*
*Ma nafx ... int qed tgħid photocopy ... jien ma nafx jekk hix tajba jew le ...*

...

*Ix-Xhud:*
*Mhux hekk ... mhux hu jipprintjahom. Mela jien?*

*Dr Reuben Farrugia:*
*U lilek tawk kopja?*

*Ix-Xhud:*
*Tawni dawn ... dawk il-karti ... dawk li tawni ħeqq ... Ma nistax ngħidlek ...*

*Dr Reuben Farrugia:*

*Dawk huma l-istess photocopy identika bis-sekwenza għax inkredibbli ... bis-sekwenza Sur Imħallef ... għax din il-kopja it is not in sequential order bl-istess sekwenza u huma identiċi għal kopji li ppreżenta Stefan Sacco. Dawk il-kopji ħadtuhom minn ġol-proċess u mhux tahomlok Michael Attard.*

....

*Ix-Xhud:*
*Le imma ma ħadna xejn aħna mill-qorti ta' voldieri ... ma ħadna xejn.*

*Il-Qorti:*
*Ok ftehmna.*

*Dr Reuben Farrugia:*
*Tajjeb naqblu illi dawk huma identiċi għal kopji bis-sekwenza b'kollox, jiġifieri inċidentalment mhux bill of exchange one, two, three, four ... għax inzertaw imqallbin il-kopji tagħhom ... inzertaw identiċi għal kopji li ppreżentajna aħna.*

*Il-Qorti:*
*Dana kellkom kawża waħda bejnietkom?*

*Dr Reuben Farrugia:*
*Tal-ittra uffiċjali ...*

*Il-Qorti:*
*Waħda tal-ittra uffiċjali ...*

*Dr Reuben Farrugia:*
*Le kien hemm kawża u ittra uffiċjali taht it-253.*
...

*Il-Qorti:*
*Sinjur xi tgħid dwar dan?*

*Dr Reuben Farrugia:*
*Għax dawk il-kopji għamilthom jien u mhumiex in sequence.*

*Ix-Xhud:*
*Emminni ma nafx ... ma nafx ... imma jien ma ħadtx irċevuti mill-Qorti ta' xejn voldieri ... xejn li rċevejt".*

(fol 885-886 et seq)

104. Illi l-Qorti tqis illi l-verżjoni mogħtija mill-attur mhijiex waħda kreddibli u verosimili. Magħdud ma' dan, jiġi wkoll rilevat illi r-rikorrent fl-affidavit kif ukoll fir-rikors ġuramentat tiegħu jsemmi ċ-ċifra ta' tlett mija u erbgħa u għoxrin elf, tmien mija u sitta u tmenin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmi (Ewro 324,886.88) bħala l-ammont ta' kambjali ffirmati minnu. Illi fix-xhieda tar-rikorrent fuq il-kambjali minnu ffirmati huwa jgħid is-segwenti:

*"Dr Reuben Farrugia:*
*Mela inti tikkonkludi ... skond il-kalkoli li għamilt il-kambjali li ffirmajt jien waħdi għax il-mara ma ffirmathomx lil Michael Attard tul kemm dam in-negozju jammontaw għal three hundred, twenty four thousand eight hundred and eighty six (324,836) ... iġifieri qed nassumi li gdibt.*

*Ix-Xhud:*
*Le ma gdibtx.*

*...*

*Il-Qorti:*
*Ħa nistaqsieh jien mela. Kif wasalt għal dak l-ammont?*

*Ix-Xhud:*
*Mhux mill ...*

*Il-Qorti:*
*Għax int illum qed tgħidli li m'għandek xejn.*

*Ix-Xhud:*
*Ehe imma tal-kambjali kelli kollox hux ...*

*Il-Qorti:*
*Eh jiġifieri ...*

*Ix-Xhud:*
*Bil-karozza ... karozza jien għaddejthom hux.*

*Il-Qorti:*
*All right. U llum il-ġurnata dawk il-karti kollha tal-kambjalijiet fejn qegħdin?*

*Ix-Xhud:*
*Ma ppreżentajnihomx fil-Qorti.*

*Il-Qorti:*
*Iġifieri dawn id-dokumenti li għandi jien biss kellek? M'għandek xejn iktar?*

*Ix-Xhud:*
*Mhux hekk.*

*Dr Reuben Farrugia:*
*Jiġifieri skond int ... skond int jekk naqbdu l-karti li ppreżentajt mal-affidavit ħa jiġi total ta' three hundred twenty four, eight three six (324,836)?*

*Il-Qorti:*
*Hekk qed jgħid. Hekk qal fl-affidavit.*

*...*

*Ix-Xhud:*
*Le għax jiena ninsa dak iż-żmien kollu. Jiena tant kont nafdah b'għajnejja magħluqa u jien li jgħidli hu kont nagħmel jien. Ħeqq.*

*Il-Qorti:*
*Naqblu. Mexxi. Jiġifieri inti meta wasalt għal dak l-ammont abbażi tad-dokumenti li għandi jien f'idejja li tajtni int?*

*Ix-Xhud:*
*Heqq eżatt hux ... issa u mhux nigdeb ... mhux nigdeb ... qiegħed hawn bilfatti hux".*

(fol 882-882 et seq)

105. Illi fuq dan il-punt, fix-xhieda ta' Michael Attard huwa jispjega illi l-ammont ta' kambjali ffirmati mill-attur kien ħafna aktar mill-ammont li qed isostni r-rikorrenti infatti huwa jgħid illi:

*"Dr Reuben Farrugia:*
*Iġifieri ħa nitilqu mill-premessa primarja illi f'dan l-ewwel paragrafu Albert Vella qiegħed jigdeb għaliex qed jgħid li kellu jtik three hundred and twenty four u fil-verita' four hundred seventy nine thousand (479,000). Hemm mija u ħamsin elf (150,000) differenza. Naqblu? Naqblu. Iġifieri l-kalkoli l-oħra kollha li qed jagħmel iżjed l-isfel huma bażati fuq premessa żbaljata għax kellu jtik ħafna aktar milli qed jiddikkjara fl-affidavit. Mhux hekk. Issa ... mela, intom prova ta' dan il-four, seven, nine, six, zero, eight (479,608) għandkom ... għax għandkom l-istatements hux hekk? Ma nafx jekk għandekx, imma nistgħu nippreparaw l-istatements fejn juru d-dokumentazzjonijiet kollha kemm fil-verita' Albert Vella kellu jagħti.*

*Ix-Xhud:*
*Iva.*

*Dr Reuben Farrugia:*
*Ara ngħidx sew illi b'dak illi qed jiddikkjara hu li kellu jagħti biss three, two, four, thousand (324,000) qed jiżvija lil Qorti? Naqblu?*

*Ix-Xhud:*
*Iva.*

*(fol 289)*

106. Dan jikkonfermah ukoll ix-xhud Stefan Sacco fejn huwa jgħid:

*"Ix-Xhud:*
*Li ffirma mill-2006 u 2011 kien four hundred and seventy nine thousand, six hundred and eight (479,608) ...*

*Il-Qorti:*

*F'kambjalijiet?*

*Ix-Xhud:*
*F'kambjalijiet."*

(fol 298)

107. Illi l-Qorti tinnota illi in sostenn ta' dan, ix-xhud Stefan Sacco jippreżenta l-*Hire Purchase Payment Schedule* (fol 343-378) relattiva għal kull vettura mixtrija mill-attur. Din il-Qorti tosserva illi mill-eżerċizzju magħmul minnha, u ċioe', l-għadd tal-ammonti totali kollha ta' kull *Hire Purchase Payment Schedule,* l-ammont imsemmi kemm minn Michael Attard kif ukoll minn Stefan Sacco huwa l-ammont korrett. Għaldaqstant, ma huwiex minnu dak iddikjarat mill-attur illi l-ammont dovut minnu lis-soċjeta' konvenuta kien dak ta' tlett mija u erbgħa u għoxrin elf, tmien mija u sitta u tmenin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmi (Ewro 324,886.88).

108. Illi mingħajr ebda dilungar iżjed, din il-Qorti tirrileva illi t-talba msejsa fuq l-arrikiment indebitu mressqa mill-attur ma tistax tiġi akkolta stante illi r-rekwiżiti kollha neċessarji sabiex din l-azzjoni tkun ta' suċċess huma kollha nieqsa. Illi kif ħareġ ċar mill-provi, ma kien hemm ebda arrikiment da parti tas-soċjeta' konvenuta a spejjeż tal-attur. Is-soċjeta' konvenuta ma ottjeniet ebda vantaġġ u ma kien hemm ebda tnaqqis fil-patrimonju tal-attur - Wisq u wisq aktar fid-dawl ta' dak dikjarat fid-dikjarazzjoni ġuramentata tal-intimati Michael Attard u Michael Attard Limited illi l-attur għadu debitur lejn il-kumpannija konvenuta f'ammont sostanzjali!

109. Illi kif jista' l-attur jargumenta l-arrikiment indebitu jekk mill-provi rriżulta illi l-ħlas dovut minnu lis-soċjeta' konvenuta kien ferm aktar minn dak allegat minnu? Kif jista' jissusisti l-arrikiment indebitu jekk numru ta' pagamenti li r-rikorrent jafferma li għamel, fil-verita' ma kinux saru? Illi l-Qorti tqis illi d-dokumenti eżebiti minn Stefan Sacco huma dettaljati ħafna u jagħtu stampa ċara tal-pagamenti magħmula mill-attur u tat-transazzjonijiet illi saru fil-kontijiet tal-istess rikorrenti. Għaldaqstant, huma dokumenti li l-Qorti qiegħda tistrieħ fuqhom.

110. Għaldaqstant, fl-ottika ta' dan kollu hawn fuq spjegat, it-talbiet tal-attur qegħdin jiġu miċħuda.

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti u semgħet ix-xhieda;

Wara illi semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-intimati;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** it-tieni, l-ħames u t-tmien eċċezzjoni tal-intimati Michael Attard Limited u Michael Attard filwaqt illi **Tilqa'** l-kumplament tal-eċċezzjonijiet sollevati minnhom;

**Tiċħad**, l-ewwel, it-tieni u s-seba' eċċezzjoni tal-intimat Brian Baldacchino filwaqt illi **Tilqa'** l-kumplament tal-eċċezzjonijiet magħmula minnu.

**Tiċħad it-talbiet kollha tal-attur.**

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni għandhom ikunu kollha a karigu tal-attur.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**